# IL-PULIZIJA



Vol. 6 No. 3




In 1975 Mid-Med Bank Limited was established to take over the business of Barclays Bank International Limited in Malta and Gozo. Barclays had originally taken over, 50 years earlier, the business of the Anglo-Egyptian Bank, which bank had been established in Malta since 1881! So, in reality, though we are only 10 years old, our foundations were laid over 100 years ago.

Since its formation in 1975 Mid-Med has increased Customers' Funds by 137% and Advances to customers by 88% – a truly remarkable growth!

# Mid-Med Bank Limited

**HEAD OFFICE – 233 REPUBLIC STREET**
**VALLETTA**
**MALTA**

*The 10-year old Bank with over 100 years of experience*

# IL-PULIZIJA

MEJJU/ĠUNJU 1986

Organu tal-Pulizija
Stampat fil-Union Press
Editur: Surġent Joe Calleja



Bord Editorjali: Spettur N. Schembri; J. Agius; Surġent Maġġur E. Bellia; Surġent Maġġur A. Tanti; Surġent 419 A. Sciortino, Surġent 578 M. Saliba.


## EDITORJAL

# GĦAMLU UNUR LILL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA

*•IL-PRIM MINISTRU u Ministru ta' l-Intern, l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici u l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat L. Pullicino għamlu unur lill-Korp tal-Pulizija u lil Malta meta nhar l-Erbgħa, 30 ta' April, 1986, huma ġew ippreżentati b'midalja kull wieħed ta' l-Interpol liema midalja tirrappreżenta l-ogħla unur li din l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija qatt tat.*



L-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici Prim Ministru ta' Malta



L-Avukat L. Pullicino Kummissarju tal-Pulizija ta' Malta

*F'diskors li għamel is-Sur Kendall – is-Segretarju Ġenerali tal-Interpol, fi tmiem il-15-il Konferenza Reġjonali tal-Pajjiżi Ewropej membri ta' l-Interpol, irringrazzja lill-Kummissarju u lill-Prim Ministru għax-xogħol siewi li għamlu biex il-Konferenza spiċċat b'suċċess. Huwa għamel referenza għad-diskors li għamel il-Prim Ministru fil-ftuħ tal-Konferenza u għal laqgħa li huwa kellu miegħu. Is-Sur Kendall faħħar lill-Prim Ministru għall-appoġġ tiegħu biex jiġi mrażżan it-terroriżmu u qal li sew huwa kif ukoll ir-rappreżentanti kollha li attendew għal din il-Konferenza minn 21 pajjiż Ewropej jinstabu ċerti li l-wegħda tal-Prim Ministru Malti fir-rigward tal-kundanna tat-terroriżmu, hija sinċiera u onesta. Is-Sur Kendall qal dan id-diskors bħala tweġiba għal kritika li saret lill-Prim Ministru minn gazzetta barranija.*

*Prova tal-wegħda tal-Prim Ministru hija ż-żjara tal-Kummissarju tal-Pulizija ġewwa Franza fejn mexxa delegazzjoni għal laqgħa ta' l-Interpol dwar it-terroriżmu. Il-Kummissarju kellu wkoll laqgħa mad-Direttur Ġenerali tal-Pulizija Franċiża dwar it-tisħieħ tal-koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi.*

## KOPERTINA:

**Kopertina:** Il-Kummissarju tal-Pulizija ta' Malta l-Avukat Lawrence Pullicino, jiġi ppreżentat bil-midalja ta' l-Interpol, mis-Sur Kendall, Segretarju Ġenerali ta' l-Interpol, waqt il-Konferenza Reġjonali f'Malta.

Ritratt minn
P.C. 410 J. Vella

## F'Din il-Ħarġa


Interpol Medal ....................2
Interpol 15th European Regional Conference Malta ....................3-4-5-18
Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ....................6
Presentation of Equipment to the Malta Police by the Federal Republic of Germany ....................7
The History of Photography ....................8-9
Agħtu lill-Pulizija s-Setgħat li Jeħtieġu ..10-16
Nies Magħrufa..............11-12
L-Abbiltà li Tiddeskrivi "Suspect"..............13-14-15
Hobbies ....................16
Mid-Dinja Mużikali........17-18
Legal Notes – B'Tifkira: Elizabeth Bonello....................19
Paġna għat-Tfal ..............20
Mill-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija..............21-22-24
Visit of De-La-Seine Saint-Denis Paris, France IPA Group ......23-24
Sports ....................25-26




*The Interpol medal, one of which was presented to Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, Prime Minister of Malta, and another to Dr. Lawrence Pullicino, Commissioner of the Malta Police Corps, during the 15th Regional Conference held in Malta by Interpol.*

**INTERPOL**

# 15th EUROPEAN REGIONAL CONFERENCE – MALTA

## 28th – 30th APRIL 1986



**Report by**
**INSPECTOR ANDREW SEYCHELL**
**MALTA N.C.B.**

•THE 15th European Regional Conference of the ICPO – INTERPOL was held at the Mediterranean Congress Centre from the 28th to the 30th April, 1986. Except for the 1st European Regional Conference which was held in Rome in 1966, all other European Regional Conferences were held at the Secretariat General of Interpol in St. Cloud France.

Hense it is the first time in twenty years that this Conference was held outside France. Twenty-one member Interpol Countries from Europe and observers from International organisations and local departments participated. These include the Customs Co-operation Council – the Council of Europe – Drugs Enforcement Administration – US Counterfeit Division – the Royal Canadian Mounted Police and the Australian Federal Police.




*Dr. Karmenu Mifsud Bonnici, Prime Minister of Malta, delivering his speech (top right), during the inauguration ceremony of the Conference (above).*

Observers from the Armed Forces of Malta – the Attorney General and the Customs Department were also present.

The Prime Minister Dr. Carmelo Mifsud Bonnici addressed delegates and observers during the inauguration of this Conference on Monday, 28th April. He welcomed the delegates and stressed about the importance of exchange of information and police co-operation in areas such as the drug and terrorism problems. The Prime Minister also gave particular importance to Malta's fight against terrorism explaining that Malta would not hide any information from any country on terrorist activities.

Prior to the Prime Minister's speech Mr. Ray Kendall, Secretary General of Interpol addressed all delegates. He thanked the Prime Minister for having taken the time to open the Conference and the Malta Government for

the invitation extended to Interpol to hold this conference on the Island, these being clear indications of the importance to police co-operation and more especially international Police co-operation.

During his opening speech Mr. Kendall explained that the Maltese initiative to hold this conference in Malta could be regarded as a historic occasion and that in future other European countries will follow the Maltese initiative by inviting Interpol to hold such conferences in their country. He explained the role played by the European Region in Interpol and touched the issues which were to be discussed at the conference. Speaking about the problem of terrorism Mr. Kendall also made reference to the painful hijacking Malta experienced some months ago. In terminating his speech, Mr. Kendall thanked the Prime Minister, the Commissioner of Police and the Malta Police Department for the good atmosphere created and for placing at Interpol's disposal the facilities of a successful conference.




**The Maltese observers at the Conference**

The Agenda was then adopted. Several topics were discussed during the three days of the Conference and these included drug trafficking – currency counterfeiting, means of co-operations – Fraud and Economic crime and other topics.

During the conference delegates had the possibility to get together and discuss matters at an informal level. A social programme was prepared for the delegates during the evenings. These included a reception at Police Headquarters on Sunday, 27th April – a Mediaval Banquet at Villa Rosa Castle on the 28th April – a reception at the Hilton on the 29th April and an official dinner at Verdala Castle on the 30th April.

The following is the speech of the Prime Minister, delivered during the Conference:

*Speech made by the Prime Minister of Malta, Dr Karmenu Mifsud Bonnici.*

**•I EXTEND a warm welcome to the European Regional Conference and I thank ICPO for having accepted the invitation of the Government of Malta to hold this Conference in our country. These meetings are indeed essential. Countries which aspire to live in a civilized way must necessarily proceed to exchanges of views, share their information, avail themselves of the experience acquired by the other countries to benefit in all fields especially that connected with the maintenance of law and order, police action against crime, and all forms of ciminality which undermine law and order within a civilized society.**

These exchanges of views are also essential to analyse various shades of criminality. It would be pertinent to examine the methods used in the whole world to fight criminality if each country were to communicate to all the other countries the information gathered, if it shared the experience acquired in the struggle against crime. This would constitute a very interesting step forward. Such an exchange can only be made through a very close collaboration between the authorities of all the countries and within the framework of conferences like the one held today. Such a meeting can only contribute towards the strengthening of this co-operation which we need so badly.

The Government of Malta would like to indicate that it unreservedly supports international co-operation in the field of police activities. Malta is perhaps more exposed than other countries to the dangers of isolation due to its territorial exiguity and limited resources, also exposed to foreign influences. We are more vulnerable than other countries which are stronger and better equipped. It is therefore in our interest to collaborate with the police of other countries. But independently of this somewhat egoistic aspect, we have got ideological reasons for collaborataion. We want to join in the effort of all governments in countering crime. As a nation we want to be a law-abiding state, we do not want any sporadic incidents to tarnish our image. The respect we have for law is the historical result of the concept we have of civilized society. That is why on the ideological plan we also think that we should wholly involve ourselves in the preservation of law and order within the country and at an international level.

**Compared to the past, it is today even more essential in certain fields, to promote international co-operation if one wants to obtain efficient results. A case in point is drug trafficking, one of the first subjects that I have in mind. Recently, we have had some bitter experiences and we realized that Malta could become the centre for important drug**


Lyons Maid
☆Ice Cream For All☆


KALORIK
KALORIK
LM10 OFF
VACUUM
CLEANER +
UNIQUE CARPET BEATER
Kalorik Vacuum cleaner complete with accessories including a unique carpet beater attachment for only
LM49
Available from:-
PHOENIX
Showroom
251A Rue d'Argens, Gzira
and Authorized Dealers
in Malta & Gozo

# Windsor Tours. The best way to explore London.




A Windsor Tour to London is the ideal holiday for those wishing to have complete independence and make the most of what the city has to offer.

The price of a Windsor Tour includes a return flight by British Airways and comfortable accommodation for 6 nights in a Central London Hotel, Gatwick Express train tickets from Gatwick Airport to Victoria station and vice-versa together with a 7 day London transport 'Explorer' ticket and a Windsor City saver booklet of discount vouchers offering worthwhile price reductions on a wide selection of things to do in London.

Windsor Tours gives you the opportunity to select and pre-book theatre tickets from a selected 30 of the most popular shows in town from musicals and commodies to classical plays and drama.

If you have time to spare — our European Mini-stays to Amsterdam, Athens, Brussels, Copenhagen, Madrid, Paris and Stockholm offer that brief encounter with a Continental flavour. All this and more in the Windsor Tours Holiday Brochure from your Travel Agent or British Airways, Freedom Square, Valletta.

**BRITISH AIRWAYS**

The world's favourite airline.

## INTERPOL REGIONAL CONFERENCE

**traffickers hailing from far-away countries.**

But it is also true as regards fraud and breaches of contract which are on the increase in international circles due to the more widespread communications between countries and the closer links established between groups of countries.

This is also true for terrorism whose violent activities are on the increase in various parts of the world. One can only fight with efficiency such activities, which are a real plague for civilized countries, through the co-operation of police forces in different countries. It is particularly necessary that each country wishing to involve itself in the fight against international terrorism makes available to all the other countries all the essential information gathered by it on the intents of those who organise acts of terrorism. The Maltese authorities have made it clear, recently, that they would not conceal any information of this kind to any of the countries requesting it, whether these be countries with which they have friendly relations or even countries with which they do not have any official relations so far. It is a first step. The transmission of information must transcend all other political considerations. This can only materialize if one were to fight with efficiency the plague of terrorism in today's world. We declare that the Maltese Government has bound itself to do whatever in its power to discourage any act of terrorism of whatever origin. Mr Kendall has just mentioned a hijacking involving Malta. The policy of our Government aims at discouraging hijackings in our country. We have given proof of our determination in the way we have tackled this last incident by making it clear that we do not intend giving in to the demands of criminals whoever these might be. We do not want to accede to their demands and we are of the opinion that if all countries made the same declaration stating that they would not give in to any of the

•to page 18











*Pictures show delegates from various countries during the Conference, and during one of the luncheons given in their honour.*




From Malta you can dial direct to GREECE (Code No: 030); FRANCE (Code No: 033); ITALY (Code No: 039); HOLLAND (Code No: 031); BELGIUM (Code No: 032); SWITZERLAND (Code No: 041); U.K. (Code No: 044); and WEST GERMANY (Code No: 049).

(*) To save 25% you can phone from Mondays to Saturdays from 9.00 p.m. to 8.00 a.m. Sundays ALL DAY

TELEMALTA OFFICES AT PACEVILLE ARE OPENED 24 HOURS A DAY FOR TELEXES - TELEGRAMS - OVERSEAS CALLS

telemalta corporation

# Hennessy

## COGNAC

Sole Agents
M.DEMAJO (Wines & Spirits) Ltd
Telephone: 622878, 620108

# MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

RAPPORT
MIS-
SURĠENT
RAYMOND
ZAMMIT
SEGRETARJU
MALTA
POLICE
ASSOCIATION



**Għaddew sitt xhur minn mindu l-kumitat preżenti ġie elett. Ta' min wieħed jara f'hiex kien jikkonsisti x-xogħol tal-Assoċjazzjoni matul dan il-perjodu. Dan qed ngħiduh għall-benefiċċju tal-membri l-ġodda sabiex ikunu aġġornati fix-xogħol tal-Assoċjazzjoni u tal-bqija tal-membri l-oħra sabiex ukoll ikollhom rendikont tax-xogħol kollu li fih kienet involuta l-Assoċjazzjoni.**

Laqgħat proprju tal-Assoċjazzjoni f'dawn ix-xhur kienu ftit, tlieta kollox. Hija l-proċedura li l-Assoċjazzjoni żżomm il-laqgħat tagħha sabiex 1) tiddiskuti xi punti li jiġu mressqa lilha mill-'Official Side' jew punti li dwarhom hija stess jidhrilha li għandha tiddiskuti jew 2) biex tinforma l-membri b'xi żviluppi dwar xi diskussjonijiet li jkunu nżammu jew affarijiet oħra li l-Assoċjazzjoni tkun kitbet dwarhom. Ma' dan ix-xogħol ta' laqgħat, hemm ukoll ix-xogħol li jagħmlu s-segretarju u l-president f'dak li jikkonċerna t-tmexxija tal-uffiċċju u xogħol klerikali.

Fl-ewwel laqgħa li l-Assoċjazzjoni żammet f'Jannar kien ġie deċiż li s-segretarju jerġa' jikteb biex ifakkar dwar diversi materji li kienu pendenti sa mis-sena l-oħra, fosthom l-aktar importanti kienet it-talba għal-laqgħa mal-Prim Ministru. (Ara l-ħarġiet Nru. 1 u Nru. 2 Vol. 6). Sakemm din il-ħarġa tkun marret għall-istampa, l-Assoċjazzjoni reġgħet kitbet. Minnufih ikollna xi żviluppi dawn ngħadduhom f'laqgħa. L-ewwel deċiżjoni tal-kumitat preżenti kienet li nerġgħu noffru l-paġni tal-Assoċjazzjoni wara li kienu għamlu xi żmien ma jidhrux. Il-Bord Editorjali kien ġie mitlub ukoll bil-kitba sabiex jerġgħu jidhru r-ritratti tal-mejtin fil-magażin. Dwar dan ma ngħatatx risposta għalkemm urejna li naqblu li dawn għandhom jidhru. Konna ktibna ukoll sabiex l-Assoċjazzjoni jkollha membri fil-Bord tal-Welfare u dan għaliex inħossuh neċessarju li jkollna membri f'kumitat li xogħlu hu proprju dwar materji li dwarhom l-Assoċjazzjoni għandha d-dmir li titkellem għall-ġid tal-membri.

Kienu ġew diskussi wkoll żewġ punti oħra mportanti: 1) is-sistema tat-Travelling Expences u 2) dwar il-Kontribuzzjonijiet tat-tlett xhur. Dwar dawn l-Assoċjazzjoni ddiskutiet u resqet ir-rapport tagħha dwarhom lill-'Official Side' (ara ħarġiet Nru. 1 u 2, Vol. 6).

F'Marzu tal-1986 l-Assoċjazzjoni flimkien mal-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti organizzat wirja ta' Hobbies fil-Police Social Club. Din kienet suċċess u hija x-xewqa li talanqas tkun annwali.

Matul ix-xahar ta' April l-Assoċjazzjoni ġiet awtorizzata mill-Kummissarju sabiex tindirizza lir-rekluti waqt li jkunu miġbura għall-kors bażiku fid-depot. Il-President PS649 M. Saliba ndirizza lir-rekluti f'diversi sezzjonijiet. Ta' dan aħna nirringrazzjaw lill-Kummissarju għaliex din kienet ix-xewqa tagħna u nitolbu li dan jibqa' jsir fil-ġejjieni.

Mill-15 ta' Marzu 1986 reġgħet ġiet awtorizzata l-'Extra Duty'. Din tħabbret b'permezz ta' ċirkolari. L-Assoċjazzjoni rringrazzjat lill-Kummissarju għall-intervent tiegħu filwaqt li wkoll tenniet it-talba f'isem il-membri sabiex isir il-ħlas dovut lilhom dwar l-'Extra Duty' li kienet inħadmet sa Marzu tal-1983.

F'April ġejna mgħarfa b'ċirkolari 32/86 dwar Skema ta' Insurance għall-membri tal-Korp. L-Assoċjazzjoni talbet aktar informazzjoni dwar din l-iskema u ġiet mistiedna, b'permezz tas-segretarju u l-president, sabiex jiltaqgħu mal-broker tal-MIB għal diskussjoni. Din id-diskussjoni ma rriżultatx ta' benefiċċju kif xtaqet l-Assoċjazzjoni kif ukoll l-'Official Side' u għaldaqstant kellha tiġi abbandunata. Iżda xorta tibqa' x-xewqa tal-Assoċjazzjoni għal xi skema ta' Insurance u lesta li tikkunsidra xi skemi oħra fil-futur.

## L-'Extra Duty'

Għalkemm inkiteb ħafna dwar l-'Extra Duty', xorta jibqa' l-fatt li peress li dan is-suġġett hu tant importanti, isiru ħafna kitbiet kif ukoll ħafna għajdut. Dan ta' l-aħħar hu ħażin u ma jagħmel ġid lil ħadd. Mill-15 ta' Marzu, minn meta bdiet sal-lum dan is-suġġett hu fuq fomm kulħadd u f'moħħ kulħadd, speċjalment f'dawk li għadhom jistennew il-ħlas dovut lilhom mill-1983. Il-ħlas huwa forsi l-aktar li jimbarazza l-imħuħ wara dak li ġara u ovvjament wieħed ma jixtieqx li jingidem. Il-fatti llum kif magħrufa huma li l-Banek ħallsu kif ukoll terzi persuni oħra u dan il-ħlas għadda lil min ħadem.

L-intopp li dwaru bosta tkellmu kien dwar xi xogħol li fl-1983 kien isir bħala 'Extra Duty' u llum ġie deċiż li jsir bħala 'revenue'. Din id-deċiżjoni ingħatat kemmxejn tard wara li xi wħud kienu bdew jaħdmu numru ta' siegħat mhux ħażin. Dwar dan, l-Assoċjazzjoni kif ukoll bosta mill-membri qatt ma ddubitaw li ma kienx se jsir ħlas dwarhom għaliex meta reġgħet ġiet awtorizzata l-'Extra Duty', kulħadd fehem li dak ix-xogħol li kien isir bħala 'Revenue' kien se jsir bi ħlas. Minkejja dan kollu, l-'extra' li qed tinħadem illum jidher li naqset fin-numru. L-okkażjonijiet li jistgħu jinħadmu bħala 'Extra' u li qabel kienu jinħadmu hekk, jinkludu l-banek, discos, swali tat-tiġijiet, postijiet tad-divertiment u football. Dawn kollha, fost oħrajn, huma kkunsidrati li għandu jkollhom kontroll mill-Pulizija fuq il-post bi ħlas. Id-dipartiment għandu jesiġi li din tkun kundizzjoni fil-permess annwali bin-numru ta' Pulizija kompatibbli man-natura tax-xogħol u n-numru ta' nies li ġeneralment jattendu. Dan is-suġġett se jiġi diskuss fittul f'laqgħa li l-Assoċjazzjoni se tagħmel u jinkludi l-'Extra' mal-Banek u d-discos partikularment. B'riferenza għal dak li deher fil-ħarġa Marzu/April dwar ir-ri-introduzzjoni tal-'Extra Duty', nixtieq































u nikkoreġu li s-siegħat li wieħed jista' jaħdem huma ta' 65 fix-xahar u mhux 75 siegħa.



Forsi ilek ittella' u tniżżel li jkollok id-dar tiegħek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

**LHB LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel: 620412/3, 605013.**





# KONKOS LTD.

## ĦAL FAR

**TELEPHONE 871788-871239**



Suppliers of Ready Mix Concrete
to the Government, Marsa Dock and the
Marsaxlokk Port Project



# Presentation of Equipment to the Malta Police by the Federal Republic of Germany

**•As a result of the close co-operation existing between the Malta Police Force and the Bundeskriminalamt (Federal Criminal Police) various equipment was donated to our services for use in the fight against crime and illicit drug trafficking.**



*Top picture shows the vehicles presented by Mr. Gerhart Boeden who is seen in the above picture delivering a speech during the presentation ceremony.*

On Friday, 25th April 1986, a presentation ceremony was held at Police Headquarters, during which Mr. Gerhart Boeden, Vice President of the Bundeskriminalamt officially presented the Malta Police with a dog transporter, two saloon vehicles, photographic and radio equipment and six German Shepherd dogs to intensify the fight against drug traffic in Malta. During this presentation ceremony the Ambassador of the Federal Republic of Germany, his Excellency Dr. EBERHARD SCHMITT was also present.

On this occasion Mr. Boeden delivered a speech to a number of police officers who were present. He stressed about the importance of close co-operation amongst the police forces in different countries. The Commissioner of Police Dr. Laurence Pullicino thanked Mr. Boeden and after addressing the officers present, he conveyed the thanks of the Malta Government to the German authorities. His Excellency Dr. Schmitt also delivered a short speech. Also present during the presentation were officials from the German Embassy in Malta, and other officers from the BKA.



*Mr. Boeden and other officials viewing the Malta Police Dog Section handlers and their dogs.*

# THE HISTORY OF PHOTOGRAPHY

**By MARIO SCHEMBRI** — **PART 3**

## POLICE PHOTOGRAPHY – 1852 TO THE PRESENT DAY

The use of photography in police work dates from the Autumn of 1852, when the Swiss Federal Government authorised the Department of Justice and Police to have photographs taken of all vagabonds, tramps and beggars found in abandoned buildings of cellars other than their own.

In September 1852 the Governor of the Bristol Civil Prisons, issued a circular recommending other prisons all over England to follow his practice of having a photo taken of every prisoner in their charge. It was not until 1870 that the photographing of every prisoner in England and Wales was made compulsory. In 1871, France followed suite. The procedure was justified during 1871/2, when 375 arrests were made in consequence of the criminals having to be identified by means of photographs.

Today the more advanced photographic techniques are in constant and daily use by all the Police forces of the world. That also includes Malta, although small in comparison, its photographic section dates back from the late 20's. The first Photographic section saw its birth together with the birth of the first CID Section. The CID and its branches were opened by the C.O.P. Mr. Axisa in 1927. The first photographer was Gianni ......... (his surname could not be traced). He used to go around with his magical camera (as it used to be called – 'The Magic Box').

Before that most photographic coverings were performed by Civil Photographers namely J. Ellis Photographers of Valletta.

One recorded event is, counterfeited bank notes as found in possession of Mikiel Borg id-deffien.

There is little or no record at all of any photographic events before the 1924's.

On June the first, 1984, the new photo section of the Police Dept. was opened. It is well equipped, modernised, dampproofed and newly constructed. All the work involved was conducted by police personnel specialised in their own trades. Such tasks were under the initiative and expert supervision of the C.O.P. Dr. L. Pullicino, LL.D. The new colour laboratory and video sections are newly construced and modern equipment installed.

Well equipped photographic departments are an integral part of Police administration and their contribution, especially in crime detection is of great importance.

Great emphasies are placed on photographic evidence by the courts of Malta. Hardly a major crime of any importance is solved without photographic evidence of some kind. Evidence of this type is factual objective and without bias. For recording the Scene Of Crime (S.O.C.) its value is inestimable.

### LOCATION WORK

The photographing of the Scene of Crime follows a well defined practice. The locus is recorded exactly as found and before anything is touched or disturbed. Nothing is moved before a complete photographic coverage has been made from several angles to meet all eventualities. If bodies, articles, etc, have been moved they are never replaced in an attempt to approximate their original position. Any clues present such as shoe prints, finger prints, bullet marks, scratches, signs of entry and exit, etc, are recorded in relation to each other.

Articles bearing on the crime such as weapons, tools (modus aparendi) are photographed in their exact position before removed for examination, finger printed and further photographed.

Wounds on bodies are always photographed against a measurement, then from the study of the photograph, be determined the shape, size of weapon used. When identification is in doubt, tatoo marks, distinctive marks or prominent scars are an assett.

In recording the Scene of Crime, the aim is to re-produce by means of photographs, and tell the story of the crime. All prints must carry a good range of tones and be absolutely sharp from back to front.

### EQUIPMENT

Any good, interchangable lens/back camera is desirable for this type of work. In the Malta




**Photographic Equipment as employed by the Malta Police Department.**

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

Telephone 441132-440111

Cables: Limestone

# The Multiple Uses of Plastic Casing

•LEGRAND plastic cases, the most practical, most economical and easy to install method for your electrical wire.

Legrand plastic casing comes in three widths and can also be used as floor skirting; is made of PVC plastic and can easily be fixed to concrete ceilings and walls by means of plastic self-tapping nails.

What's more, the casing can be painted over with water paints as well as other emulsions. Legrand plastic casing is ideal for new buildings as well as old humid buildings as there is no corrosion whatsoever.

The outside cover of the casing simply clips on – allows for matching accessories such as switches, 13 amp sockets, telephone sockets and television aerial outlets to be affixed.



***See them at:*** **elektrawares**

**Mill Street, Qormi. – Tel. 494444**
**218, Marina Street, Pietà. – Tel. 224364**

# ABC STATIONERS & PRINTERS

## PHOTOGRAPHIC DEALERS

**5, SOUTH STREET, VALLETTA**

**2, CITY GATE, VALLETTA**

**THE STRAND, SLIEMA**

# ABC PRESS

## OFFSET & LETTERPRESS

WE SPECIALISE IN: Wedding Invitations, Occasion Cards as well as a large assortment of all types of Greeting Cards, Paperbacks, Magazines and all Office Equipment
FILMS developed and printed next day service

# THE HISTORY OF PHOTOGRAPHY

Police we usually use SLR cameras and various lenses of different focal lengths.

A comprehensive range of filters, both for general and special effects.

A good reliable flash gun. The electronic flash guns, owing to the comperative low light output from the portable types is hardly suitable where large areas have to be covered sharply and well lighted from front to back.

A good and sound tripod and a good supply of different (speed, Sensitivity), monochrome, colour, tranperancy, ortho or recording films.

### COMPARISON RECORDS

With many offences a photograph is the only way in which the evidence can be presented to the courts to suppliment the opinion and explanation of the expert.

In case of fingerprint evidence, the similarity of the print is quite easily followed by means of the photograph.

Ballistic evidence, sometimes of a highly technical nature is made quite clear through photography.

In forgery cases the expert's evidence on handwriting is always supported by means of photographs.

Comparison photos involves the trace as found at the SOC. Boot and shoe impressions found at the Scene of Crime can be prepared with suspect's footwear. Marks made by jemmies and tools can be photographed same size.

### IDENTITY PORTRAITS

Photographs of the criminal aid the investigating officer in his hunt for the criminal. A true likeness is required and essential. Pin sharpness is essential and under no circumstances must there be any retouching. All facial blemishes, marks and scars must be clearly portrayed.

Profile and frontals are made to 1/8 th. scale and full length to 1/27th. scale.

Prisoners are photographed by taking profile and front against an official number and dated. In case of a relapser, it is always desirable to re-photo the prisoner as the most recent likeness is needed for obvious reasons.



**Top: Impression on sand.**
**Bottom: Suspect's shoe.**

Surveliance photography is carried out by means of long focal distant lens or telephoto lens. Mirror lenses are undesirable due to the round reflective mirror effect and can be detacted from miles away.

### QUESTIONED DOCUMENTS

Document reproductions are carried out on a large scale in cases of fraud and processed as photostat (photocopied) or by means of photographs. Sometimes if not always special properties of the invisible light rays at both ends of the spectrum are utilized.

Ultra Violet (UV) rays are used on a good ammount in a number of rays in police photography. They are used in all cases in the preliminary examination of the document, where forgery is suspected.

The obliteration of original written matter (chemically) and substituted by other writing, can be generally detected. Any application of chemicals to paper can always be revealed because the area (so treated) gives off a totally different flourescence from the remaining part of the document. Usually when this is revealed and proved, the photos are irrefutable evidence of forgery.



**As seen by the naked eye.**



**Original Document. N.B.: White – original; Black (1) – added to read Lm12-120.**

# AGĦTU LILL-PULIZIJA S-SETGĦAT LI JEĦTIEĠU

**B'wiċċu ċass u mbergħen iħares lejn barra l-iscreen tat-televiżjoni, kliemu kien qisu ta' xi għadu.**

*minn*
*LORD DENNING*

Il-mexxej tal-Kunsill ta' Haringey, Bernie Grant, kien ferħan jiċċelebra l-battikata li kienu taw lill-pulizija dawk li qajmu l-istorbji ta' Tottenham.

Dan il-kliem fassal xeħta ġdida u tal-biża' għar-relazzjonijiet egħżież u ġodda li nħolqu bejn il-pulizija u l-pubbliku; kliem immirat biex dan kollu jinġab fix-xejn.

Xi mija u ħamsin sena ilu meta Sir Robert Peel tana l-ewwel Korp dixxiplinat tal-pulizija fil-pajjiż, dawn kienu miżmuma bħala għedewwa tal-poplu. Iżda dan intesa meta n-nies bdiet kull ma tmur tintebah bil-ħarsien li kienu qed jingħataw b'dan il-korp ġdid. U għal mitt sena, il-pulizija kien miżmum bħala tassew ħabib iċ-ċittadin.

Ħbieb, għaliex jekk trid darek imħarsa u mhux misruqa, martek indukrata u mhux irvinata, jeħtieġ tfittex is-saħħa tal-pulizija.

Issa, xi sezzjonijiet tal-poplu qed jerġgħu jħarsu lejn il-pulizija bl-għedewwa tagħhom.

**Nikkundannawhom. Ilkoll kemm aħna għandna għaliex, għax mhumiex inqas minn min jikser il-liġi.**

Rajna bosta każi fejn il-pulizija daħlet tagħmel arrest, għal serq jew traffikar tad-drogi, u nqala' l-istorbju. U għaliex? Għax dawk preżenti jew fil-qrib joġġezzjonaw li l-pulizija tinforza l-liġi.

## • GWERRA LIS-SOĊJETÀ

Iridu l-pulizija tibqa' barra. Iridu jsibu nħawi fejn il-liġi ma tapplikax. Dan ma jistax ikun. L-uffiċjali tal-pulizija jridu jaqdu dmirhom għall-ħarsien taċ-ċittadini li jgħożżu l-liġi. Jeħtieġ li ma jkunx hemm postijiet fejn kulħadd jagħmel li jrid.

F'Tottenham jidher ċar li l-pulizija sfat attakkata bla ebda provokazzjoni min-naħa tagħha. Ħafna milli qalgħu l-irvellijiet kienu żgħażagħ, kienu wlied familji ġejjin minn inħawi li jżommu l-pulizija bl-għedewwa tagħhom.

Il-fatt hi li l-ġenituri tagħhom tellgħuhom ħażin. Flok ma għallmuhom li l-pulizija qegħdin biex igħinu l-poplu, kienu mgħallmin il-maqlub.

**Illum qed jarmaw ruħhom b'pistoli u sawt. Qed ifasslu l-pjani tagħhom. Saħansitra jagħmlu bombi tal-petrol. Iddikjaraw gwerra mhux kontra l-pulizija biss iżda kontra s-soċjetà wkoll.**

Għalhekk jeħtieġ nilqgħu patta para patta. Hekk kif il-pistoli kellhom jiżdiedu f'idejn il-pulizija biex jiddefendu ruħhom, meta daharhom mal-ħajt, l-istess jeħtieġ li jkollhom bil-lest għalli fiex jiġu kontra l-irvellijiet f'dak li hu ilma sparat u munizzjon tal-plastika.

## • AKTAR ARMI GĦALL-PULIZIJA

Il-pulizija jeħtieġu l-armi biex jiġġieldu din il-mewġa ta' kriminalità ġdida u li tbeżża. Għandhom it-tarki, l-elmijiet u l-bsaten, iżda dan mhumiex tajbin għal kontra l-pistoli.

Jingħad li l-użu tal-forza hu kontro-produttiv. Veru, li konna miżmuma qabel, iżda l-vjolenza xorta żdiedet. Dari l-pulizija ma kenitx armata, iżda meta l-kriminali — jifhmuha li ma kenux aktar se jeħlu t-tgħalliq — bdew jisparaw minn wara l-iskejjen, imbagħad kellna narmaw l-uffiċċjali biex jiddefendu ruħhom.

Għalhekk issa hu meħtieġ li l-pulizija tingħata l-armi biex tkun ħarxa ma' min iqajjem l-irvellijiet. Ikollna nirriskjaw għax l-id il-ħanina sfat maqtugħa. Nissogra ngħid li xi żbalji jsiru u nies innoċenti jintlaqtu. B'dan jista' jisgħobina. Biss fil-każ, ikun meħtieġ taħriġ sew biex il-pulizija jitgħallmu jużaw l-armi mogħtija lilhom.

Iżda neħtieġu aktar minn armi ġodda. Irridu ngaġġ ta' nies aktar biex nilqgħu għal dat-theddid mit-toroq. Jien naqbel ma' Sir Kenneth Newman, il-Kummissarju tal-Pulizija ta' Londra, li jeħtieġ li ningaġġaw aktar nies.

## • JEĦTIEĠ AKTAR NIES IMĦARRĠA

Jeħtieġ li jkollna nies imħarrġa. Hu jaf ma x'hiex irid iħabbat wiċċu. Dan ifisser li jeħtieġ ikollna għal-lest skwadra għal kontra l-irvellijiet. U jekk dan jitlob aktar nies, meta s-Segretarju ta' l-Intern, Douglas Hurd, m'għandux joqgħod jaħsibha darbtejn biex jonfoq il-flus. Żidna l-għadd ta' l-imħallfin u l-avukati, iżda dawn huma biss it-tieni linja tad-difiża għas-soċjetà. Il-pulizija jridu jkunu ta' quddiem.

Fi gwerra — u dak li qed jiġri fit-triqat fl-Ingilterra llum mhu xejn inqas — il-moral tat-truppi jrid jinżamm fl-aqwa tiegħu. Meta l-Federazzjoni tal-Pulizija tgħid: "Neħtieġu ħarsien, donna taż-żejjed u n-nieqes" mhux qed jur għajr li tilfu kull fidi fil-mexxejja tagħhom. F'Tottenham tgħidx kemm ċapċpu meta tressaq l-ammunizzjon tal-plastik.

**Ma nistgħux inħallu l-pulizija tagħna jaqilgħu bil-ħarta, megħluba u maqtula u bla m'għandhom biex jieħdu tagħhom.**

**☐ikompli f'paġna 16**

# GALILEO GALILEI

## 1564-1642

Minn
ĠORĠ BORG

Fis-sena 1583, wieħed student żagħżugħ bl-isem ta' Galileo Galilei kien qiegħed bil-qiegħda fil-Kattidral ta' Pisa, belt Taljana. Wieħed li kien jaħdem hemmhekk kien għadu kif xegħel lampier kbir li kien imdendel mas-saqaf permezz ta' katina twila. Galileo qagħad iħares lejh jitbandal. Hu nduna li għalkemm kull tbendila kienet iqsar minn dik ta' qabila, it-tnejn kienu qed jieħdu l-istess ħin. Ħafna minna forsi ma tantx kienu jagħtu każ ta' dan il-fatt, iżda Galileo kellu l-moħħ ta' xjenzat. Hu dejjem ried ikun jaf "għaliex?" Hu għamel għadd ta' esperimenti permezz ta' biċċa spaga li mat-tarf tagħha kien waħħal biċċa ċomb. Beda jbandal l-ispaga bħalma kien ra jagħmel il-lampier, billi f'dawk iż-żminijiet ma kienx hemm arloġġi Galileo għamel użu mill-polz tiegħu biex jieħu l-ħin ta' kull tbandila taċ-ċomba. Hu sab li għalkemm kull waħda kienet iqsar minn ta' qabilha, it-tnejn kienu qed jieħdu l-istess ħin.

### SKOPERTA KBIRA

Galileo kien skopra l-prinċipju tal-pendlu. Dan il-prinċipju hu magħruf bħala "isochroniżmu", li tfisser 'l-istess fil-ħin'. F'esperiment aktar 'il quddiem, xjenzati oħra sabu li fil-fatt kull tbandila tal-pendlu kienet tieħu ftit inqas ħin minn dik ta' qabilha minħabba l-arja u l-"friction"". Iżda, xorta waħda l-prinċipju tal-pendlu li skopra Galileo hu mħaddem fi strumenti li jkejlu l-movimenti ta' l-istilel u fl-arloġġi tal-pendlu li tant nagħmlu użu minnhom. Ta' min li wieħed jinnota li sa dan iż-żmien, Galileo kien diġà għamel skoperta kbira fl-użu tal-ħsieb xjentifiku. Mingħajr dan il-kwalità ta' ħsieb, Galileo qajla seta' jiskopri l-prinċipju tal-pendlu. Albert Einstein kien l-aktar li faħħar lil Galileo għal din l-iskopertà hekk importanti fil-ġrajja tal-bniedem.

Galileo ggradwa mill-università ta' Pisa fl-1588, u baqa' hemm



GALILEO GALILEI

biex jgħallem il-matematika. Fl-età ta' ħamsa u għoxrin sena, huwa għamel it-tieni skoperta kbira tiegħu – skoperta li farrket 2000 sena ta' tradizzjoni, u li ġabitlu bosta għedewwa. F'dawk iż-żmienijiet, ħafna mill-hekk imsejjaħ tagħlim xjentifiku kien kollu bbażżat fuq it-teoriji tal-filosofu Grieg Aristotle, (384-322 B.C.). Dan kien għadu meqjus bħala l-awtorità fil-qasam tax-xjenza. Min kien jazzarda li ma jaqbilx ma' xi waħda mill-ħafna regoli li kellu Aristotle ma tantx kienu jieħdu pjaċir bih dawk ta' madwaru. Elfejn sena qabel, Aristotle kien qal li oġġett tqil kien jaqa' għal l-art iktar malajr minn wieħed ħafif. Galileo ma qabilx. Skond teorija msemmija, hu ddeċieda li jagħmel dimostrazzjoni pubblika tat-teorija tiegħu. Hu stieden lil sħabu l-professuri l-oħra biex jitilgħu miegħu sal-quċċata tal-famuż torri ta' Pisa, li kien diġà mmejjel kif inhu llum il-ġurnata.

Galileo ħa miegħu balla ta' kanun li kienet tiżen qisu għaxar kilogrammi, u balla oħra li kienet tiżen biss kilogramm. Hu xxabbat mal-ħadid u telaqhom it-tnejn flimkien fl-istess ħin. B'għaġeb kbir għal kull min kien madwaru, iż-żewġ balal it-tnejn waqgħu ma' l-art fl-istess ħin. Jekk huwiex veru li ġara dan l-avveniment jew le, il-fatt jibqa' li Galileo skopra prinċipju mportanti ħafna fl-istorja tal-fiżika: li l-veloċità ta' oġġetti li qegħdin jaqgħu hu totalment indipendenti mit-toqol tagħhom. Iżda aktar minn hekk, hu wera li xjenzat veru għandu jesperimenta kull rogola, minflok li jaċċetta kull ma jgħidulu. Kienet ħaġa ta' l-iskantament tqis li għal perijodu ta' elfejn sena, il-bniedem kien emmen l-ideja ta' Aristotle mingħajr lanqas biss ma sperimentaha. Kellu jkun Galileo li ma kellux moħħ ta' mazzun li jibla' kollox.

Iżda, mmaġinaw intom id-diżappunt li ħass Galileo meta minkejja l-provi kollha li kellhom quddiemhom, sħabu l-professuri l-oħra qalu li hu kien mar imqarraq bih innifsu u baqgħu sejrin igħallmu u jsostnu t-teorija ta' Aristotle. Huma kkritikaw lil Galileo, u talbu li Galileo jitneħħa mill-pożizzjoni li kellu u jitkeċċa mill-università. Fl-aħħar, wara tliet snin ta' miżerja kbira, Galileo kellu jitlaq.

### AVVANZI FL-ISTUDJI

B'xorti tajba, xi ħbieb li kellu tawh l-għajnuna tagħhom, u fis-sena 1592 hu laħaq professur fl-università ta' Padua, ġewwa l-Italja. Hemmhekk hu seta' jkompli jagħmel l-esperimenti tiegħu mingħajr ma kellu lil ħadd biex idejqu jew imaqdru. Fis-snin li dam jgħallem ġewwa Padua, Galileo ressaq għadd kbir ferm ta' teoriji xjentifiċi ġodda u invenzjonijiet. Hu vvinta mill-ġdid it-termometru, li kien ivvintah xjenzat Grieg fit-tielet seklu, u li wara kien intesa għal kollox. L-iżjed importanti fost l-invenzjonijiet tiegħu kien it-teleskopju, imsemmi bil-kliem

mil-Latin 'tele' li tfisser 'il-bogħod' u 'scopio' li tfisser 'tara' jiġifieri strument li bih stajt tilmaħ affarijiet fil-bogħod. Ta' min igħid li għalkemm dan it-teleskopju ta' Galeleo ma kienx l-ewwel wieħed, iżda kien l-aqwa wieħed li qatt ġie magħmul sa dak iż-żmien. Dan l-istrument kien jagħmel l-oġġetti jidhru tlieta u tletin darba akbar milli kienu jidhru normalment.

### STUDJU SISTEMATIKU

Galileo kien l-ewwel bniedem li studja s-sena b'mod sistematiku permezz ta' teleskopju. Hu ra li l-qamar kollu muntanji u widien fuqu. Hu ra wkoll li l-qamar u l-pjaneti ma kienux jirriflettu d-dawl tagħhom infushom, iżda kienu jirriflettu d-dawl tax-xemx. Hu skopra li l-galassja tagħna "il-Milky Way" hi magħmulha minn miljuni ta' stilel żgħar. Hu skopra erba' qmura jduru ma' Jupiter. Hekk kif baqa' javvanza fl-istudji tiegħu, hu beda jmieri t-teoriji l-qodma li kienu jgħidu li d-dinja kienet iċ-ċentru ta' l-univers, bix-xemx u d-dinja jduru madwarha. Ħafna snin qabel, fis-sena 1543, l-astronomu Pollak Koperniku kien ippubblika l-ktieb imsemmi tiegħu, u li fih iddikjara li x-xemx hi attwalment iċ-ċentru ta' l-univers tagħna, u li d-dinja u l-pjaneti jduru max-xemx. Din it-teorija ta' Koperniku kienet ikkundannata mill-Knisja u kważi ntesiet, sakemm Galileo pubblikament iddikjara li hu kien jaqbel magħha.

Id-dikjarazzjoni ta' Galileo qajmet protesti kbar mill-Knisja. L-uffiċjali tal-Knisja kienu irrabjati ferm u reġgħu mill-ġdid ikkundannaw it-teorija ta' Koperniku, u ikkundannaw ukoll il-kotba kollha li kienu jaqblu ma' din it-teorija. (Koperniku sa dak iż-żmien kien ilu mejjet għal aktar minn sebgħin sena).

Galileo kien ukoll ippubblika ktieb fuq dan is-suġġett jaħraq bl-isem ta'z; 'Historia e Dimostrazioni intorno alle Macchie Solari', li fih wera li kien jaqbel għal kollox mat-teorija ta' Koperniku u din kompliet tkattar l-għadab ta' l-awtoritajiet tal-knisja kontra tiegħu. Ħafna huma tal-fehma li kien Galileo

# GALILEO GALILEI

nnifsu li ġab dan is-saram kollu fuqu nnifsu għax kien bniedem kemmxejn aggressiv. Iżda madankollu Galileo wiegħed lill-Papa Pawlu V li ma jkomplix sejjer b'din l-ideja "żbaljata" (26 ta' Frar 1616), il-kliem preċiżi kienu: 'li ma jżommx, ma jgħallimx u lanqas jiddefendi' id-duttrina kkundannatà mill-knisja. Wara li għamel din id-dikjarazzjoni, jidher li l-awtoritajiet tal-knisja reġgħu bdew jiffavorixxu lil Galileo. Fis-sena 1632, mingħajr ma ta każ ta' dak li kien wiegħed, Galileo ppubblika l-ktieb "Bialogo sopra i due massini sistemi del mondo", dan kien biċċa xogħol miktub f'għamla ta' djalogu bejn tlieta minn nies fittizji.

### ĦATI TA' DISPREZZ

L-ewwel wieħed kien favur tas-sistema ta' Koperniku, it-tieni karattru kien jirrappreżenta liċ-ċittadin komuni li kien qed jistħarreġ fuq iż-żewġ sistemi u t-tielet kien jaqbel mal-fehmiet ta' Aristotle. Bil-kemm kien għadu ħareġ il-ktieb li ma ġibitx l-attenzjoni ta' l-Inkwiżizzjoni. Il-Papa Urbanu VIII, li qabel kien il-kardinal Barberini, ħabib u ammiratur ta' Galileo, kien imġiegħel jaħseb li Galileo kien waqqgħu għaċ-ċajt fil-ktieb tiegħu billi xebbħu mat-tielet karattru, bħala xi ħadd li ma kienx jimpurtah mix-xjenza u li kellu moħħu magħluq ferm għall-progress. Minkejja li issa kellu sebgħin sena u kien marid, Galileo kien imġiegħel jidher quddiem l-inkwiżizzjoni u wara ġuri twil hu nstab ħati ta' disprezz kontra l-knisja u ġie kkundannat li jiċħad dak kollu li kien sostna qabel għarkobbtejh u bil-ġurament. Jingħad li meta hu kien ħa l-ġurament kollu u bies is-salib, huwa qal "Eppur si muove", iżda din hi biss leġġenda u dawn il-kliem, 'iżda xorta waħda timxi' wisq naħseb li ma qalhomx minħabba r-riskju li jispiċċa l-ħabs.

Kien għad hemm kontroversja kbira bejn l-istudjużi fuq jekk Galileo ngħatawx tortura meta kien qiegħed il-ħabs waqt l-istħarriġ ta' l-inkwiżizzjoni. Huwa żgur li kellu jgħaddi mill-"examen rigorosum", li fl-aħħar ikun fiha t-tortura. Iżda d-dokumenti uffiċjali ta' dan il-ġuri ma jsemmu qatt li dan l-aħħar pass ittieħed mill-awtoritajiet. Iżda minn naħa l-oħra, huwa żgur li dawn id-dokumenti kienu tbagħbsu minn xi ħadd, Galileo kien reġa' ġie kkundannat għall-ħabs mill-inkwiżizzjoni; iżda din is-sentenza biddilha l-Papa Urbanu għat-talba ta' Ferdinandu, id-duka ta' Toskana, f'permess biex Galileo jmur joqgħod fi Siena u fl-aħħar f'Firenze. F'dan il-post għall-kwiet f'Aroeteri, ħdejn Firenze, hu kompla r-riċerka tiegħu mingħajr waqfien, ukoll meta sar agħama u trux. Ftit qabel ma sar agħama għal kollox f'1637 hu għamel skoperta oħra astronomika, dik tal-movimenti tal-qamar u ż-żminijiet li fihom kienu jsiru.

### KIEN UKOLL UMLI

Hu ma tax każ tal-liġijiet li kien ifformula Kepler u saħansitra waqqgħu għaċ-ċajt talli kien qal li l-qamar kien il-kaġun tal-movimenti tal-baħar; Galileo kellu xejra li jiddandan iżżejjed bih innifsu u jwaqqa' lil ħaddieħor għaċ-ċajt, u b'hekk iġib fix-xejn il-fama ta' ħaddieħor, iżda hu kien ukoll daqstant ieħor lest li jitlob skuża u b'hekk mhux kulħadd kien idur kontra tiegħu. L-ilsien twil li kellu aktar milli l-iskoperti li kien jagħmel kienu jġibulu l-għadab ta' ħaddieħor fuqu. Galileo kien iħobb ħafna l-arti u kien jikteb il-mużika u l-poeżija. Aħna għandna nirringrazzjaw lil Galileo għax kien hu li bena l-pedamenti tax-xjenza moderna u l-prinċipji li kompla jaħdem fuqhom Isaac Newton (1642-1727), imsejjaħ l-aktar ġenju li qatt kellha l-umanlità, u l-astronomija.

Illum il-ġurnata, aħna nagħtu qima lil Galileo u nħeġġu lit-tfal biex ifittxu jistudjaw u jistinkaw biex ikunu bħalu, u hekk għandu jkun, iżda għandna niftakru f'dak li qal Galileo: "Il-bniedem għandu jkun liberu sew li jmieri fejn ma jaqbilx iżda wisq aktar li jwieġeb".

# L-ABBILTÀ LI TIDDESKRIVI 'SUSPECT'

Mill-Ispettur JOHN AGIUS

Wieħed mill-aktar fatturi importanti fix-xogħol tal-Pulizija huwa meta wieħed jipprova jagħti deskrizzjoni ta' persuna oħra jew li jitlob lil xi membru tal-pubbliku li jtiegħ deskrizzjoni ta' suspect. Għalkemm dan forsi jidher faċli, kull membru fil-korp tal-pulizija jaf kemm dan huwa diffiċli.

Hemm ħafna x'wieħed għandu jinnota sabiex ikun jista' verament jagħti deskrizzjoni eżatta ta persuna oħra. Fl-istess ħin, kull membru fil-korp jaf kemm tgħin li wieħed jirnexxielu jġib deskrizzjoni tajba ta' suspect fi kwalunkwe investigazzjoni.

F'dan l-artiklu se nippruvaw niġbru flimkien dawk il-fatturi kollha li jgħinu sabiex deskrizzjoni ta' Suspect tkun kemm jista jkun eżatta. Jista' jkun li kuntistabbli jiġi mitlub mill-Qorti sabiex jagħti deskrizzjoni ta' suspect u jista jkun ukoll li membru tal-Korp jintħieġlu jitlob din lil xi membru tal-pubbliku. Għalhekk, dawn il-fatturi jistgħu jgħinu kemm meta aħna niġu mitluba nagħtu din id-deskrizzjoni u sabiex ukoll inkunu nistgħu nagħmlu id-domandi opportuni sabiex ngħinu lil xi ħadd jagħtina deskrizzjoni tajba.

## • TGĦALLEM IDDESKRIVI

Bħal f'kull suġġett ieħor, wieħed għandu jipprattika kif għandu jiddeskrivi persuna. Meta wieħed jagħmel dan għandu jagħmel minn kollox sabiex jipprova jfittex dik il-karatteristika partikulari li hija unika f'kull persuna. Fost affarijiet oħra, l-aktar fatturi importanti huma (1) Il-forma tal-wiċċ; (2) It-tul ta' Persuna; u (3) kif ukoll xi marki partikulari bħal ma huma Tattoos; grif (scars); Il-ħwejjeġ li l-persuna tkun liebsa u wkoll il-mod kif wieħed jitkellem u ċioe' id-djalett, eċċ...

Fi kliem ieħor, wieħed għandu jinnota tajjeb il-Fiżiku tal-Persuna u l-mod kif jilbes. U aktar, wieħed għandu jinnota wkoll dawk l-oġġetti li jkun qiegħed juża s-Suspect, bħal







ngħidu aħna xi 'arma' u l-mezzi tat-trasport użati mill-istess suspect.

Ħalli issa nieħdu dawn il-fatturi wieħed wieħed u nispjegawhom fid-dettal u nagħtu wkoll xi eżempji viżwali sabiex wieħed ikun jista' aħjar jiftakar sew u jużhom meta jiġi bżonn.

# L-ABBILTÀ LI TIDDESKRIVI 'SUSPECT'

FORMA TAR-RAS




POŻIZZJONI TA' L-GĦAJNEJN




## IL-FIŻIKU TAL-PERSUNA

**Hemm ħafna x'wieħed jista' jinnota fil-fiżiku tal-persuna. Meta xi ħadd jiġi wiċċ imb'wiċċ ma xi 'suspect' għalhekk għandu jinnota dak kollu possibbli. Biex wieħed ikun jista' aktar aħjar jidhra jinnota qegħdin hawn taħt insemmu dawk il-partikularitajiet li wieħed għandu jżomm f'moħħu meta jkun f'sitwazzjoni bħal din. L-istess partikularitajiet jistgħu wkoll jiġu mitluba lil xi wħud u li seta' kien wiċċ imb'wiċċ ma' suspect.**

| | |
|---|---|
| **SESS** | Raġel jew Mara. |
| **NISEL** | Bjond – Samrani – Skur – Iswed. |
| **ETÀ** | Ipprova, kemm jista jkun ifforma opinjoni dwar l-età tas-suspect. |
| **TUL** | Meta jkollok is-suspect quddiemek pprova għamel paragun tat-tul tiegħu jew tagħha ma' xi ħaġa fissa li jkun jew tkun qrib. Eżempju. Bieb jew għamara eċċ... |
| **FIGURA TAL-ĠISEM** | Goff – Irqajjaq – Magħlub – Mibni – Ħafif Muskolat jew Magħqud. |
| **XAGĦAR** | Jekk hux naturali jew artifiċjali, eżempju parrokka, Kulur tax-Xagħar – Pettinatura – Tul tax-xagħar – Style. |
| **KARNAĠJON** | Kulur – Żejtni – Ruxxan – Bil-Leħja jew mingħajra, eċċ... |
| **GĦAJNEJN** | Kulur – Forma – Xagħar ta' l-għajnejn, jekk hux Kbar jew Żgħar – Forma tal-Ħaġeb ta' l-Għajn – Ħomor jew Ċari. |
| **PEKULJARIT** | Marki partikulari – Xi tebgħa – Feriti – Ġerħa – Mustaċċi – Daqna – Manicure – Make Up – Snien imtebba jew imkissra – Xi mankament ieħor. |
| **VUĊI** | Tonalità – Oħxon – Irqieq – Sod – Baxx |
| **MOD MITKELLEM** | Edukat – Djalettat – Aċċent (Lokali jew Barrani u jekk barrani x'taħseb li tkun in-nazzjonalità) – Illetterat eċċ... |

IL-ĦAĠEB TA' L-GĦAJN




ESPRESSJONI TA' L-GĦAJN



# L-ABBILTÀ LI TIDDESKRIVI 'SUSPECT'

## "STILI DIFFERENTI TA' XAGHAR"



## DESKRIZZJONI TA' L-APPARENZA U ĦWEJJEĠ

| | |
|---|---|
| **Għata tar-Ras:** | Kulur – Għamla jew stil – Kappel – Barnuża – Kappa Skutja – Kalzetta – Maskra, eċċ... |
| **Qmis:** | Kulur – Disinn – Kmiem (qosra jew twal) – stil ta' l-Għonq jew kullar eċċ... |
| **Ħwejjeġ:** | Stil – Kulur – Kowt – Ġlekk – Ġakketta – Ġistakor Sidrija – Raincoat – Jek hux bil-buttuni jew żipp. Jekk hemm il-Buttuni innota jekk hemmx xi waħda nieqsa, eċċ... |
| **Qalziet/Dubblet:** | Kulur – Stil – Bil/Bla keffa – Jeans jew xort'oħra eċċ.. |
| **Kalzetti:** | Kulur – Stil – Disinn – Materjal eċċ... |
| **Żraben:** | Kulur – Stil – Disinn – Bil-Lazz jew le, eċċ... |
| **Ornamenti:** | Ċriekett – Arloġġi – Brazulletti. Ta' minn jinnota wkoll jekk iċ-ċurkett huwiex tat-tieġ jew le u possibbilment l-għamla ta' l-arloġġ, eċċ... |
| **Affarijiet oħra:** | Xalpi – Ingwanti – Ħwejjeġ kbar ħafna jew issikkati għall-persuna li tkun – Kuluri jgħajtu – Irqajja eċċ... |
| **Apparenza:** | Pulit – Nadif – Maħmuġ – Mgerfex – Preżentabbli eċċ... |

**Għalkemm ma' l-ewwel daqqa t'għajn dawn huma affarijiet żgħar, huma wkoll affarijiet ta' min jinnota għaliex jistgħu jgħinu ħafna lil min ikun qiegħed jinvestiga l-każ. Barra minn hekk ma jfissirx li wieħed se jkollu ċ-ċans li jinnota kollox iżda meta wieħed ikun jaf għalxiex għandu jħares, dan ikun f'pożizzjoni li jinnota aħjar u jiftakar iżjed.**

## AĊĊESSORJI LI SETGHU NTUŻAW MINN "SUSPECT"

**Armi:**
a) Revolver
b) Pistola
c) Senter tal-Kaċċa (Isserrat jew le)
d) Rifle
e) Sikkina
f) Turnavit
g) Ħadida
h) Biċċa għodda
i) eċċ........

**Mezzi tat-Trasport użati:**
a) Karozza
b) Van
c) Trukk
d) Mutur
e) Għamla tal-vettura
f) Mudell
g) Kulur
h) Numri tar-Reġistrazzjoni
i) Numru ta' Bibien
j) Saloon jew Hatch-back
k) eċċ.........

PULVICH
EXPLOSIVES
INDUSTRIES

Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories
Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock
Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 225287-607707

# HIGHWAY AUTO DEALER

(Prop. J. PISANI)

## NEW AND SECOND HAND CAR DEALER

**VALLEY ROAD – BIRKIRKARA**

**TELEPHONE 441944**



MP

# Mobilia Penza Ltd.



*The specialists in Antique Furniture*



***Manufacturers & Exporters of Antique & Reproduction Furniture***

*Factory and Showroom:*
**204A, Industrial Estate, Luqa, Malta.**
**Telephone: 784485**

HOBBIES

# PAINTING ON CANVAS BY SERGEANT 1114 S. PULO

**•PAINTING on canvas has been my favourite pastime since I was seven years old. I used to spend hours admiring my neighbour's paintings in his studio and ever since, sketching and painting has always fascinated me.**

My neighbour's technique inspired me to start off my present hobby. During my tender age I used to sketch with charcoal and pencil, flowers and other stills. Gradually with the aid and know-how of some of my friends I went into landscapes which included various historic places near my home town. One of my scenes which was the portrait of Ħaġar Qim historic temples were selected from various others to participate in an international students' art show held in Malta.



*P.S. Pulo's replica of "Blue Boy"*



*One of P.S. Pulo's classical paintings*

Encouraged by my parents, I took on oil painting, I managed to obtain some very informative literature on the subject and trail and error I managed to produce some portraits which are still some of my favourites.

Whenever the time permits, you will find me with brush and oil paint in my hands, in my room, sketching and painting on canvas. Silence and a lot of concentration are required to perfect one's work.

The favourite of all my paintings is a replica of the 'Blue Boy', which is hanging proudly in the doorway amidst my own private collection.

# AGĦTU LILL-PULIZIJA S-SETGĦAT LI JEĦTIEĠU

**minn paġna 10**

**B'daqshekk inkunu qed nitolbu wisq minnhom.**

U lanqas m'għandna jkollna dubju mix-xogħol tagħhom. Hu importanti li l-uffiċjali tal-pulizija jkollhom l-aqwa taħriġ. Iżda jkun xieraq ukoll li nħallu l-kmandant fuq xogħolu jieħdu d-deċiżjonijiet hu. Jeħtieġ nafdaw fihom bħalma nagħtu kull għajnuna lit-truppi fi gwerra.

Inħossni żgur li l-pulizija tagħna hi l-aqwa fid-dinja. U rridu noqgħodu dehwiena li ma ndgħajfux dak li bi tbatija rnexxielna nibnu. Lord Scarman għamel biċċa xogħol tajba wara l-inkwiet ta' Brixton, iżda m'inhiex ċert biżżejjed tax enfasi tajba biex igħin lill-pulizija. Ħaġa li ma naqbilx magħha hi l-proposta li għandu jkun hemm diskriminazzjoni fid-deher favur is-suwed kontra l-bojod. Jeħtieġ li kulħadd ikun indaqs taħt il-liġi. Jista' jittieħdu żbalji bħallikieku l-mewt traġika ta' John Shorthouse f'Birmingham. Fil-milja ta' qalbha n-nies taf kif ġraw l-affarijiet. Għandi l-akbar ammirazzjoni lejn il-kommunità li għarfet tqis il-mewt tiegħu bħala disgrazzja llegali. Iżda m'għamlet ebda rvell.

Il-ħelsien ta' kull ċittadin li jħares il-liġi biex jaħseb u jgħid li jrid u jmur fejn irid bla ebda tfixkil minn ħaddieħor sa fejn hu legali, irid jitqabbel mal-ħarsien tas-soċjetà, li mhix għajr il-bon ordni tal-kommunità li ngħixu fiha.

Il-ħelsien ta' min hu ġust ma jiswielu xejn jekk jista' jisfa' vittma tal-ħalliel u l-qattiel. Kull soċjetà jrid ikollha l-mezzi biex tħares lilha nfisha. Jekk dan jitlob azzjoni aktar ħarxa mill-pulizija, hekk ikun.

*Minn "The Mail on Sunday" 20 ta' Ottubru 1985*

# MID-DINJA MUŻIKALI

**– TAGĦRIF MIĠBUR MIS-Sgt. CHARLES MARSH**

# WHAM SFAXXAT?





GEORGE MICHAEL u ANDREW RIDGELEY

ANDREW RIDGELEY

☐ **Bħalissa fil-qasam mużikali hemm spekulazzjonijiet kbar li l-grupp Wham sfaxxa. Id-duo li feġġ fix-xena tal-mużika pop madwar 4 snin ilu, jiġifieri George Michael u Andrew Ridgeley, mhux se jibqa' aktar magħna.**

Ilu żmien twil joħorġu xniegħat dwar il-grupp speċjalment minħabba illi George u Andrew ma tantx kienu qed jaqblu bejniethom dan l-aħħar. Iżda r-raġuni uffiċjali li ngħatat kienet illi George Michael iddeċieda illi jitlaq minħabba li l-kumpanija li xtrat id-drittijiet tal-Wham għandha ħafna ishma f'kumpaniji fl-Afrika t'Isfel, u peress li George huwa membru ta' l-għaqda kontra l-Apertheid huwa ddeċieda li ma jibqax fil-grupp.

Ħafna jemmnu li din hija biss skuża u l-vera raġuni għax sfaxxaw hija d-differenzi kbar li kien hemm bejniethom.

Jidher li l-aktar li se jbati huwa Andrew. George qal illi Andrew la jaf idoqq il-kitarra u wisq anqas ikanta, u meta jidher ikanta fuq il-palk ikun qiegħed ikanta bil-'microphone magħluq'. Xokk ieħor għal Andrew kien meta l-kumpanija tal-karozzi 'Renault' iddeċidiet li ma tibqax tisponsorjah fil-hobby tiegħu tal-karozzi. George min-naħa tiegħu diġà jidher li qiegħed jara s-suċċess bħala solista u s-single tiegħu 'A Different Corner' qiegħda tiksiblu suċċess kbir.

Biex l-affarijiet jibqgħu inċerti l-management tal-grupp ħabbar li 'Wham' se jagħmlu kunċert grandjuż fis-sajf li ġej, u se joħorġu album ġdid fil-ħarifa.

Nistennew u naraw verament x'se jiġri.



**BLACK CELEBRATION**

...Depeche Mode

☐ Id-Depeche Mode huma kkonsidrati bħala wieħed mill-aktar gruppi kontroversjali ġewwa r-Renju Unit. Ġeneralment is-singles tagħhom kollha jiksbulhom suċċess u minn album wieħed kapaċi joħorġu numru sostanzjali ta' singles. Dan l-album mhux eċċezzjoni u żewġ tracks li żgur joħorġu bħala singles huma 'A Question of Lust' u 'Dressed in Black'.

**RENDEZ-VOUS**

...Jean Michelle Jarre

☐ Dan huwa l-isem il-ġdid tal-album ta' dan il-mużiċista. Dan l-album ġie rrekordjat ġewwa Houston, l-Istati Uniti, fil-bidu ta' April li għadda u ġie rrekordjat waqt kunċert li nżamm bħala parti mill-programm għal mija u ħamsin anniversarju tal-Istat ta' Texas. L-album. huwa kollu mużika elettronika magħmula b'teknoloġija avvanzata. L-album huwa ddedikat lill-astronawti li mietu fit-traġedja tax-shuttle.



**HIPSWAY**

...Hipsway

☐ Mhux xi album speċjali, għalkemm jekk tħobb it-tip ta' mużika li jdoqqu dan l-album ma jdejqikx. Dan l-album jinkludi s-single il-ġdida tal-grupp 'The Honey Thief' kif ukoll iż-żewġ singles preċedenti jiġifieri, 'The Broken Years' u 'Ask The Lord'.

**CHANGE OF ADDRESS**

...Krokus

☐ Krokus għalina l-Maltin m'għandux ifisser biss grupp heavy metal kwalunkwe, iżda għandu jkun xi ħaġa speċjali għax proprju il-kantant tal-grupp huwa Malti bħalna, jiġifieri Mark Storace.

Dan l-album il-ġdid fih xi ħaġa differenti mill-kumplament tal-albums ta' dan il-grupp. Insibu anqas twerżieq, anqas passaġġi bil-kitarra, iżda aktar melodija. F'dan l-album, nistgħu napprezzaw aktar il-vuċi sabieħa ta' Mark, u jien inqis dan l-album bħala l-aktar wieħed klassiku ta' dan il-grupp.

# ★★★ MID-DINJA MUŻIKALI ★★★

### IS YOUR LOVE STRONG ENOUGH?
...Brian Ferry



□ Single eċċezzjonali minn wieħed mill-aqwa esponenti tal-mużika rock. Ta' min jinnota li l-passaġġi bil-kitarri huma kollha f'idejn David Gilmour, ex kitarrista tal-grupp Pink Floyd u r-riżultat huwa evidenti. Single li tpaxxik u li ilna ma nisimgħu bħalha.




### IS THAT IT?
...Katerina and The Waves

□ Mużika tip sittinijiet. Dinamika u mimlija entużjażmu. Naħseb li se tkun suċċess kemm fl-Istati Uniti kif ukoll fir-Renju Unit.

### ALL THE THINGS SHE SAID
...Simple Minds

F'din is-single is-Simple minds ippruvaw jagħmlu aktar milli jifilħu biex ir-riżultat huwa nuqqas ta' organizzazzjoni u proporzjon. Kellhom ħafna suċċessi aħjar minn din u żgur li kapaċi jagħmlu aħjar.

### LIVE TO TELL
...Madonna

□ Diska sempliċi u melodika. Meħuda mis-sound track tal-film 'At Close Range'. F'din is-single nisimgħu lil Madonna mibdula kompletament, forsi spiċċatilha l-enerġija. Diska kwieta għall-aħħar.

### FAN CLUBS

*UB 40*
*P.O. Box 117*
*BIRMINGHAM*
*B5 5LP.*

*TEARS FOR FEARS*
*P.O. Box 4ZN*
*LONDON*
*W1A 4ZN.*

*DEAD OR ALIVE*
*P.O. Box 65*
*LIVERPOOL*
*L 69 4LG*

*AC/DC*
*c/o SANDRA MUNDAY*
*11 Leominster Road,*
*MORNEN SURREY*
*SM4 6HN.*




## INTERPOL REGIONAL CONFERENCE

□from page 5

demands made by the hijackers, the latter would be unable to pursue any longer their activities because they would know that nobody would give in to their blackmail. **We think that other Governments should examine this concept and policy which, if universally applied, would certainly discourage hijackers.**

That is only one example, a proof of the total involvement of our Government in the fight against international terrorism. But we do not think that international terrorism can be counteracted by military strikes. On the contrary, we think that all military intervention, whatever its nature, can only strengthen guerilla-like actions in the form of terrorist acts in various parts of the world.

I wanted to explain to you that our Government, our people, have bound themselves to join in the effort undertaken by the various police forces of your countries. I can assert that we are all convinced of the necessity to strengthen international co-operation, we feel that this necessity will increase in proportion to the development of the means of communications and transport in the world, thus continuing to lend an increasing international dimension to crime. It would therefore be proper to fight criminality at both national and international levels.

I wish all the success to your deliberations and, though you have come here to work, I ask you to spend a good part of your leisure time enjoying all that Malta can offer you from the touristic point of view.



*Cabaret provided by Johnny The Juggler Trio during one of the luncheons held in honour of the delegates.*

SAMSUNG

VIDEOS
AND
VIDEO
TAPES



*A MAXI QUARTZ AGENCY*

White Friars Street, Fgura Malta.
Tel: 800358. Telex: 746 Maxica.






Manufacturers of:
OLYMPIC
quality stationery

MORONI STR. GZIRA TEL: 330869

Lm3,500 ........................... fil-

Lotterija tal-Ġimgħa

L-Ewwel Premju Lm2,000
Żewġ Premjijiet ta' Lm500
Ħames Premjijiet ta' Lm100

Imtella' kull nhar ta' Ġimgħa fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar.



# Legal Notes

**By Dr. Vincent A. DeGaetano**
**LL.D., Dip. CRIM (CANTAB)**

Probation order – appointment of probation officer for female probationer – whether principal probation officer may supervise probationer – formalities to be observed in making a probation order.

Bickle Brincat, a minor, was found guilty by the Court of Magistrates of Judicial Police of having committed an offence against decency or morals by acts committed in a public place or in a place exposed to the public. The Court made a probation order placing Bickle Brincat under the supervision of the principal probation officer (a male) or of a female probation officer delegated by him.

The Attorney General appealed on the grounds that the probation order was null and void.

The Court of Criminal Appeal, allowing the appeal, held that –

1. a principal probation officer cannot be appointed to supervise a probationer in respect of whom a probation order is made in terms of section 5 of the Probation of Offenders Act, 1957; only a probation officer may be so appointed;

2. the probation officer must be chosen by the court and the choice cannot be delegated to any other person, whether that other person is a probation officer or a principal probation officer.

3. a male probation officer may not be appointed to supervise a female probationer;

4. Before making a probation order the Court is to explain to the offender in ordinary language the effect of the order and that if he fails to comply therewith or commits another offence, he will be liable to be sentenced for the original offence; and if the offender is not less than fourteen years of age, the Court shall not make the order unless he expresses his willingness to comply with the requirements of such order. This explanation and the consent of the offender to the order must clearly result from the sentence itself and it is not sufficient that they are inserted in the copy of the probation order.

The Court of Criminal Appeal ordered the record of the proceedings to be sent back to the first court for the probation order to be made according to law.

**The Police v. Josette Bickle Brincat** Court of Criminal Appeal, 17 October 1985.

**B'TIFKIRA**

# Elizabeth Bonello

**Nhar il-Ħamis, 1 ta' Mejju tħabbret il-mewt tal-kuntistabbli mara Nru. 1 Elizabeth Bonello, mir-Rabat, Malta, fl-età tenera ta' 26 sena.**

Il-funeral ta' Elizabeth sar nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju mill-Isptar San Luqa, fejn it-tebut tagħha ġie mgħotti bil-bandiera tal-Korp tal-Pulizija Maltija, u ġie merfugħ minn erba' membri tal-Korp irġiel, filwaqt li fil-ġenb tat-tebut imxew membri nisa ta' l-istess Korp.

Il-korteo ta' Elizabeth telaq għall-Kappella ta' l-Addolorata fejn ġiet ikkonċelebrata Quddiesa Praesente Cadavre, minn fejn imbagħad it-tebut reġa' ġie merfugħ minn pulizija rġiel sa ħdejn il-qabar għad-difna, akkumpanjat minn għadd kbir ta' Pulizija nisa li ġarrew l-għadd kbir ta' kuruni tal-fjuri mibgħuta u meħuda għall-funeral. Id-difna saret fil-qabar tal-familjari ta' Elizabeth.

Għall-funeral, minbarra l-membri tal-familja ta' Elizabeth, kienu preżenti fost oħrajn id-Deputat Kummissarju A. Mifsud Tomasi, is-Superintendenti A. Abela u M. Borg, kif ukoll is-Sinjuri L. Muscat u V. Zahra mill-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti. Ma naqsitx ukoll attendenza numeruża ta' Pulizija rġiel u nisa kollegi ta' Elizabeth.

Aħna minn dawn il-kolonni, nixtiequ nwasslu l-kondoljanzi tagħna lill-familjari ta' Elizabeth, u nwegħduhom li niftakru fiha fit-talb tagħna.



A dedication to our ex-colleague,
ELIZABETH

## *ALONE*

*Alone, yet never quite alone, I face an empty chair – but*
*sometimes in the silence I imagine you are there;*
*the good companion of the past, no longer here with me –*
*and yet in some mysterious way you keep me company.*

*Thought or spirit? Does it matter? Words are meaningless.*
*I only know that in my times of greatest loneliness –*
*I feel you are somewhere near though nothing's seen or said.*
*The bitter moment passes and my heart is comforted.*

*I receive the strength I need; am rescued from despair.*
*Maybe that's the way God works the answer to a prayer...*
*Though my loss is grevious and the future is unknown –*
*I face the years that lie ahead, alone...yet not alone.*

***Police***

# PAĠNA GĦAT-TFAL

## KELMTEJN
minn P.C. 890

•Kif inthom tafu jien qiegħed illesti paġna apposta għalikom, u naf żgur li inthom qegħdin taqrawwha. Indunajt li inthom qed taqraw din il-paġna għax s'issa ġa wassluli xi tliet ittri. Wieħed li kitbilna staqsieni x'kelma maġika jista' juża'. Jiena ktibtlu u tajtu kelma li jista' juża. Illum se nagħtikom ħames kelmiet li tistgħu tużawhom, per eżempju: ZULI ZALU... XIXEMU... VUKE... GEWREU... Dawn huma kliem li tistgħu tużagħawhom però pprovaw sibu waħda għalikom u minn ma jsibx jiktbilna u nibgħatlu kelma jien.

Iktbu: P.C. 890 P. Calleja.
Library,
Police Headquarters,
Floriana.

Nerġa' nfakkarkom illi minn jikteb jiktbielna l-indirizz ċar. Għal-lum daqshekk... ċjaw tfal. Il-ħabib tagħkom Pierre......







## MUMENT MAĠIKU

### LOGĦBA Nru 2







Din il-logħba li se nagħmlu llum hija logħba oħra li ssir b'kaxxa tas-sulfarini. Hija logħba faċli ħafna bħal dik li diġà għamiltilkom fl-ewwel ktieb, nibdew naraw x'għandna bżonn.

**Kull ma għandkom bżonn:**

KAXXA SULFARINI VOJTA; MUNITA.

**Nibdew nippreparaw għal-logħba:**

Ħu f'idejk il-kaxxa tas-sulfarini u bil-mod b'xafra aqta' l-kaxxa tas-sulfarini kif qegħda turik l-istampa (fig. 1). Wara li tkun għamilt dan kollu poġġi l-munita ġewwa l-kaxxa u ara toħroġx. Jekk le allura imbutta ftit b'idejk sakemm il-kartuna tirtgħab, wara li tkun lest minn dan kollu tkun tista' tagħmel il-logħba quddiem in-nies. Importanti kif diġà għedtilkom li s-sigrieti tal-logħob li qiegħed nurikom iżżommuhom għalikom u ma tgħidu lil ħadd kif isiru.

Uri l-kaxxa tas-sulfarini lill-udjenza u iftaħha ħalli jaraw li hi vojta; wara itlob munita, tkun li tkun u għidilhom ippoġġuhielek ġol-kaxxa (fig. 2); wara ibda ċekċek il-kaxxa (fig. 3) sakemm il-munita tiġi f'idejk (fig. 4). Meta jiġri dan poġġi l-kaxxa fl-id l-oħra u żomm il-munita fl-istess id, daħħal idejk fejn għandek il-munita ġol-but biex taparsi ġġib it-trab maġiku u itlaq il-munita fil-but wara l-kelma maġika li tistgħu tivvintaw intom. Ifthu l-kaxxa u l-munita tisparixxi.

U hekk diġà għamilna żewġ logħbiet.

## TBISSEM FTIT

**VISITING DAY**

Kien hemm mara li kienet membru tal-kumitat li jduru l-ħabsin.

Darba waħda waqfet ħdejn priġunier u staqsietu:

"Inti, għaliex qiegħed hawn ġew?"

"Għax it-twieqi kollha ħadid oħxon u l-ħitan għoljin", weġibha xott xott.

**FIL-QORTI:**

Maġistrat: "Għaliex ma ndħaltx meta rajt raġel isawwat lil kunjata tiegħek?

Raġel: Għax deherli li mhux xieraq sinjur inkunu tnejn kontra mara."

**ĠO ĦABS**

Il-priġunier kien għadu ġdid fil-ħabs, u beda jistaqsi lill-antiki.

– Nista' naħrab xi darba? staqsa.

– Le, ġbin – qallu l-iżjed wieħed matrikolat – għax hawn tant jitimgħuk tajjeb li ma tkunx tiflaħ taqbeż ħitan daqskemm teħxien.

**FI SKOLA:**

Surmast: "Inti Borg, liema hija l-ikbar parti meħtieġa fil-ġisem".

Tifel: "Is-saqajn sir.

Surmast: Għala?

Tifel: Għax missieri skarpan sir.

# MILL-GĦAQDA PENSJONANTI TAL-PULIZIJA

### Konferenza Ġenerali – 1986

# DISKORS TAL-PRESIDENT

*•Illum qegħdin niltaqħu f'din il-Kon. Ġen. fejn inħoss li din hija okkażjoni li fiha l-membri b'mod speċjali dawk attivi jaraw x'kienet il-ħidma tal-Kunsill u l-Kummissjonijiet matul is-sentejn li għaddew u biex niddiskutu l-pjani għal futur; barra minn dan f'din il-Konferenza jinħatar Kunsill ġdid biex flimkien mal-membri jittieħdu deċiżjonijiet minn żmien għal żmien li jirrigwardjaw il-ħidma ta' l-Għaqda.*

Ta' min iżomm f'moħħu li l-Kon. Ġen. mhux xi ħaġa ta' darba fis-sena, iżda kull membru huwa fid-dmir li jipparteċipa fix-xogħol tal-Konferenza attivament, hawn huwa l-post addattat biex ċerti idejat u opinjonijiet jiġu espressi, għalhekk tajjeb li kull membru iħejji ruħu sew biex il-Konferenza tirnexxi b'suċċess.

Il-Kunsill matul dawn is-sentejn bl-għajnuna tal-Kummissjonijiet, li mhux biss ħadmu volontarjament iżda offrew l-esperjenzi tagħhom minn qalbhom għall-benefiċċju tal-membri sħabna. M'iniex se nsemmi l-ħidmiet organizzati minn dawn il-Kumm. għax dawn aktar 'il quddiem se jressquhom huma stess għad-diskussjoni.

Hija xewqa tal-Kunsill li l-membri kollha jidħlu fl-interess u jibdew jagħtu l-kontribut tagħhom fl-isforzi li qegħdin isiru biex l-iskop ta' l-Għaqda jintlaħaq.

F'kull Kon. jingħata resume' tal-ħidmiet li jkunu saru b'risq il-membri, għalhekk nibda biex ngħid fuq il-ħidma ġenerali li saret:

**•Ħidma Ġenerali:** L-ewwel ma rrid insemmi l-użu ta' l-Uffiċċju Prinċipali ta' l-Għaqda. Matul dawn is-sentejn sar sforz biex bħal ma qegħdin taraw akkwistajna uffiċċju fejn il-Kunsill jamministra x-xogħol tiegħu u l-membri jkunu jistgħu jiġu aktar milħuqa. Saru sforzi wkoll biex ikun dekorat b'għamara moderna li tkun tixraq lill-Uffiċċju Prinċipali tagħna. Bħal ma tafu l-Kunsill qed jagħmel mill-aħjar biex iżommu miftuħ għal kumdità tal-membri matul fil-għodu, bejn 9.30 a.m. u 11.30 a.m., mit-Tnejn sas-Sibt. Iżda biex dan ikompli jsir il-membri huma mitluba li jagħtu l-koperazzjoni tagħhom billi jinstabu xi volontieri oħra li jistgħu joffru xi ħin biex l-uffiċċju jibqa' miftuħ.

**•Police Social Club:** Issa li l-klabb qed jiġi wżat b'mod speċjali mill-membri, il-Kumm. Entertainment, qed taħseb biex issib logħob addattat għall-pensjonanti fejn jgħaddu ż-żmien bħal ma huma draft; darts; chess; american pool u logħob ieħor, nixtieq niġbed l-attenzjoni tagħkom biex meta tiġu tieħdu drink mal-familja tagħkom tattiraw l-attenzjoni tal-barman li inthom membri ta' l-għaqda, biex tkunu tistgħu tibbenefikaw mill-prezzijiet provduti għalina. Jekk dan ma jsirx unutli li noqgħodu ngorru bejnietna.

**•Librerija:** Kien minn dejjem il-ħsieb tagħna li niżviluppaw librerija għall-membri li jħobbu jaqraw; għalhekk nappellaw lill-membri li kull min għandu xi kotba li ma jagħmilx użu minnhom, huwa ġentilment mitlub li jgħaddihom lil librerija biex jiġu wżati mill-membri sħabna.

**•Xogħol Kaswali:** Matul is-sentejn li għaddew sar sforz biex jinstab xi kwalità ta' xogħol adekwat għall-pensjonanti, għalhekk saru kuntatti ma għaqdiet bħal ma huma ASA: MFA: Trade Fair u oħrajn, għalkemm inqalgħu xi problemi, iżda bil-ħidma tal-membri tal-Kunsill l-iskop irnexxa, għal inqas wieħed jista' jgħid li kien il-bidu ta' xi ħaġa mixtieqa.

**•Laqgħat:** Matul dawn is-sentejn kellna laqgħat, mal-Prim Ministru li kienet kordjali ħafna, u hemm il-ħsieb li aktar 'il quddiem nerġgħu niltaqgħu bħala kontinwazzjoni ta' l-ewwel laqgħa. Hemm il-ħsieb ukoll li ssir laqgħa mal-Ministru tas-Servizzi Soċjali, rigward il-problemi li għandna li jikkonċernaw lil dan il-Ministeru. Saru wkoll laqgħat mal-Kummissarju tal-Pulizija fuq diversi raġunijiet.

**•Relazzjonijiet:** Il-Kunsill baqa' jżomm relazzjonijiet tajbin ma' diversi assoċjazzjonijiet b'mod speċjali mal-Korp tal-Pulizija, ta' min isemmi li meta l-Kummissarju tal-Pulizija nieda l-Fond ta' għajnuna għat-tlett membri imweġġgħa f'Tas-Sliema, l-Għaqda kkontribwiet għalih, għall-istess skop organizzajna flimkien ma' l-Ass. tal-Pulizija 'hobbies exhibition' fejn il-ġbir li sar mar kollu għal dan il-Fond, saret Serata ta' Varjetà b'risq dan il-fond fejn ġiet miġbura somma sostanzjali.

**•Kummissjonijiet:** Nixtieq ngħid kelma ta' tifħir lid-diversi membri tal-kummissjonijiet għal ħidma volontarja li għamlu matul dawn is-sentejn b'risq sħabna. Wieħed jista' jgħid b'ċertezza li l-għaqda mxiet 'il quddiem bis-saħħa ta' dawn il-membri, kif sejrin taraw mir-rapporti li se jinqraw, kemm verament il-ħidma tagħhom kienet ta' fejda.

**•Kumm. Morda:** Saret ħidma siewja minn din il-Kumm. b'risq il-membri morda. Kienet ġiet avviċinata l-Y.V.S.O. biex tagħti l-għajnuna tagħha lil sħabna b'mod speċjali lil dawk 'bed ridden' barra milli għamlet żjarat lil anzjani fid-djar fejn ikunu rtirati fid-djar privati tagħhom. Kif ukoll id-delegat li għandna jirrappreżentana fil-'Welfare Committee', li dejjem ħa l-inizjattiva favur il-morda, fejn l-iskop tagħna lkoll kien u jibqa' li l-anzjani tagħna huma parti missoċjetà u jistħoqqilhom kull rispett tas-servizz li taw għal ġid tan-Nazzjon.

**•'Welfare Committee':** Id-delegat ta' dan il-kumitat kien ta' għajnuna kbira biex diversi anzjani li xtaqu jiġu rikoverati

□ikompli f'paġna 22

# INDOOR — OUTDOOR DOUBLE DISCOTHEQUE

**DOUBLE DJ's**
***UNIQUE IN MALTA***
**NEWLY REDECORATED**




Tal-Balal Crossroad L/o San Gwann Tel: 515220



**GENERAL TIRE** ™
**INTERNATIONAL**




GRABBER 60 STEEL

**GOES A LONG WAY**
**TO MAKE FRIENDS**

*Trade Enquiries:*

# CARMELO ABELA & SONS LTD

'DEFRANCO' ALLEY IN FISHERMAN STREET,
MARSA

Tel. 620970

# THE NEW HYUNDAI

# pony



# a new look all round





HD HYUNDAI
MOTOR COMPANY

Local agents for Hyundai cars
Meridian Enterprises Co. Ltd.
Showroom 207 Marina Street,
Pieta. Tel: 225362.

## MILL-GĦAQDA TAL-PULIZIJA PENSJONANTI

f'xi kompless f'Ħal-Ferħ jew Ħaż-Żmien, fuq l-inizjattiva tiegħu ġiet milqugħa.

•**Fond ta' Għajnuna:** Din l-iskema minn mindu ġiet approvata fil-Kon. Ġen. tas-27-5-84, bdiet tiffunzjona u diversi romol tal-membri sħabna, ibbenefikaw minn dan il-fond, fejn wieħed jixtieq jgħid li b'ftit sforzi dan il-fond jikber u l-beneficcji jiżdiedu. Il-lotterija ta' kull sena li ssir għal dan l-iskop dejjem irnexxiet, tneħħi xi membri li forsi ma fehmux dan l-iskop li għalih issir.

•**Kumm. Ilmenti:** Mutual Help Ass. Saru lmenti minn diversi romol ta' sħabna li qed idumu ma jirċievu l-ħlas tas-somma mogħtija minn din l-Ass. wara li ġiet avviċinata l-persuna konċernata din il-problema ġiet solvuta.

Ilment ieħor sar minn pensjonant li kien qed jirċievi nofs il-pensjoni mill-Ministeru tas-Servizzi Soċjali, wara li saru kuntatti neċessarji nstab li kien hemm żball min-naħa ta' dan l-uffiċċju, saru arranġamenti meħtieġa biex il-flus nieqsa jiġu mogħtija lura. L-ilmenti għandhom isiru fl-uffiċċju matul fil-għodu.

•**Kumm. Rekrejattiva:** Din organizzat diversi attivitajiet li kien il-mezz għal ġbir ta' flus biex l-għaqda ssaħħaħ il-mezzi finanzjarji tagħha u tkun tista' tlaħħaq ma' l-ispejjeż li jinqalgħu minn żmien għal żmien.

•**Delegazzjoni għal Klabb:** Il-membri ta' din id-delegazzjoni, irsistew ħafna u ħadu sehem f'kull laqa' li kienet issir, bis-sehem tagħhom u bl-għajnuna tal-Kumitat tal-Klabb, l-alterazzjonijiet li kienu qegħdin isiru fil-klabb saru fl-inqas żmien possibbli biex il-klabb beda jiffunzjona, barra minn dan bl-insistenza tad-delegati u bl-approvazzjoni ta' kulħadd inkluż il-Kummissarju tal-Pulizija, Dr. Lawrence Pullicino LL.D., irnexxielna li nakkwistaw uffiċċju, fejn nista' ngħid li ninsabu ferħanin ħafna bih.

•**Egħluq:** Nagħlaq billi nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, Dr. Lawrence Pullicino LL.D., lill-Kumitat tal-Klabb ta' l-għajnuna siewja li tawna matul is-sentejn li għaddew, lil uffiċjali u lil membri tal-Kunsill li kollha minn b'xi mod jew ieħor taw il-koperazzjoni tagħhom biex it-tmexxija ta' l-Għaqda titmexxa kif mixtieq mill-Konferenza Ġenerali u fl-aħħarnett lilkom membri preżenti li b'attenzjoni segwejtu d-diskors tiegħi. Grazzi.







*Uffiċjali ta' l-Għaqda jippreżentaw iċ-cheques lir-romol tal-membri preżenti.*

# RAPPORT TAS-SEGRETARJU

*Sur President, Membri tal-Kunsill u Membri ħbieb: –*

*Mill-aħħar Kon. Ġen. sal-lum saru b'kollox disgħa seduti tal-Kunsill li fihom il-membri dejjem attendew, ħlief xi drabi li l-assenza tagħhom kienet mħabba xi raġunijiet persunali.*

Bħal ma jaf kulħadd il-Police Social Club, qed jiffunzjona uffiċjalment għal beneficcju tal-membri li wara intervent mid-delegati ta' l-Għaqda li qegħdin fuq il-Kumitat tal-Klabb, il-prezzijiet ġew modifikati għal membri u għal familjari tagħhom. Wieħed jista' jgħid li l-'games room' qegħdin nagħmlu użu minna, fejn il-membri għandhom sala kbira fejn jistgħu jirrekrejaw ruħhom flimkien mal-familji. Hawnhekk tajjeb li wieħed isemmi l-fatt li dak li konna ilna nistennew jiġifieri li l-Għaqda jkollha uffiċċju għalina fil-klabb, issa dan seħħ, għalhekk il-Kunsill f'isem l-Għaqda jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, Dr. Law. Pullicino LL.D., ta l-inizjattiva personali li ħa biex l-ambizzjoni tagħna tilħaq l-iskop tagħha.

Ta' min isemmi li fuq l-inizjattiva ta' xi membri mill-Kunsill, diversi pensjonanti ħadmu xi xogħol kaswali ma' l-A.S.A. u fit-'trade fair', ġie avviċinat ukoll il-Kunsill ta' l-M.F.A., iżda ma ntlaħaqx ftehim. Kienet saret talba wkoll biex jiġi provdut 'complementary tickets' għal membri dilettanti tal-football, iżda rriżulta li l-kwantità ta' dawn it-tickets kienet diġà ġiet mqassma. Il-fehma tagħna hija li nkomplu ninsistu biex il-ftehim ma din l-Ass. jirnexxi.

Il-Kumm. Entertainment organizzat Serata ta' varjetà fejn il-membri kellhom żfog rekrejattiv flimkien mal-familji tagħhom, ġie organizzat ukoll Bazaar bħala 'fund raising', iżda jiddispjaċina ngħidu li l-iskop li għalih ġew organizzati ma ntlaħaqx. Għalhekk il-Kunsill se jiddiskuti jekk attivitajiet bħal dawn jibqgħux isiru. Ġiet organizzata wkoll 'hobbies exhibition' flimkien mal-Ass. tal-Pulizija, li din kienet suċċess.

Kellna diversi lmenti, kemm minn sħabna membri u m'humiex, u hawn tajjeb li wieħed igħid li dak kollu possibbli sar, ittieħdu dawk il-passi neċessarji biex kull ilment ġie mogħti l-attenzjoni mistħoqqa.

•għal paġna 24

# Visit of De-La-Seine Saint-Denis Paris, France IPA Group




*One of the members of the "De-La-Seine-Saint-Denis" group – directing traffic – under the watchful eye of Sgt. Romeo Micallef, at the Strand, Sliema.*

By
**Sgt. ROMEO MICALLEF**
**Secretary I.P.A. Malta**

On March the 31st at the early hours of the day, exactly at 2.55 a.m., a party of 35 I.P.A. members from DE – LA – SEINE – SAINT-DENIS PARIS, FRANCE arrived at Luqa Airport for a week's holiday with their families.

The group was met at Luqa by Secretary R. Micallef and Treasurer S. Bugeja. The group-leader Guy-Metals introduced the two officials of the Maltese Section to the members of the group. The officials, before seeing the members off to their coaches, distributed to each member a V.I.P. pack which consisted of literature in French about Malta, Gozo and Comino.

In the morning of the 31st March the Secretary called at the Topaz Hotel where the group was staying, and during a welcome reception organized by the hotel management, the secretary welcomed the group on behalf of the local committee, besides briefing the party about the functions being organised by the Maltese Section. The briefing was translated by JACQUES, courier, entertainer from France Sccueil Leisirs Tours assisting the group during their stay.



*Members of the "De-La-Seine-Saint-Denis" group with Sgt. Major Lawrence Muscat (third from left), and Sgt. Joe Calleja (second from right), during a visit to the Presidential Palace in Valletta.*

On Wednesday the 2nd April a whole day tour was organised by the Maltese Section where the party toured Valletta city. Afterwards, they toured the President's Palace, the Armoury, the House of Representatives; Later they were welcomed by the President's Private Secretary Mr. Lanzon and Aide de camp Capt. Mansueto, at the ambassadors' room.

During this visit four members and a police woman wore their traditional French Police uniform. Two of the members wore their new uniform which was introduced in France last October.

The group leader Mr. Guy Metals, presented Mr Lanzon with a French I.P.A. memento, to be passed to Her Excellency Miss. A. Barbara.

Mr Lanzon thanked the group for the gift, and on behalf of Her Excellency presented the group with two Maltese pictures, showing the costumes of the Old Maltese Farmer and the Old Bridegroom Dress.

The party was taken to the Police Social Club, where they had a typical Maltese Lunch. The Menu consisted of Minestra; Patata il-Forn bit-Tiġieġ jew Majjal u Ħut; also served on the table were Galetti tas-Smid. Ġbejniet tal-Bżar.

□**ikompli f'paġna 24**

# Visit of De-La-Seine-Saint-Denis Paris, France IPA Group

□minn paġna 23

Zalzett Malti and local wine. Well done Management and Chef Social Club.

In the afternoon the group toured Police Headquarters, where they visited the different departments, and later were treated for drinks at the Officers' Mess.

On Friday night the group were the guests of the Maltese Section, for a Social gathering and a wine and pizza party organised at the Police Social Club. The function, which was attended by local members and families, finished with the singing of French and Maltese folk songs at about midnight.

On Saturday morning the members of the group, who were in their uniform, were taken to Sliema to control traffic. This event, which is a tradition with I.P.A. members visiting other countries, was covered by the local Television and Press.

During a "FRENCH CABARET" night organised by the tour operator, and conducted by JAĊQUES and his French team, members of the committee were invited. At the end, the Secretary of the Maltese Section presented the group leader with a Silver Maltese Cab (Karozzin) and a Malta Police White Ceremonial Helmet for the Section.

Mr. Guy Metals, concluded the evening by thanking the Maltese Section for the week's programme organised and for the warm hospitality shown during their stay. He also thanked the Commissioner Of Police Dr. L. Pullicino for the assistance and facilities he gave to the Maltese Section to make their visit memorable. Finally he presented the Maltese Section with a memento, a picture with the Map of Paris with the I.P.A. and Seine – Saint Denis printed on same.

The group was seen off at Luqa Airport by Secretary, Treasurer and other members of the Maltese Section who wished them **"Bon Voyage"**.

# Mill-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

□minn paġna 22

Irrid insemmi wkoll l-fatt li l-Għaqda ppruvat għal darba tnejn iżżomm laqgħa mal-'bord editorjali' tal-magazine 'Il-Pulizija' biex jintlaħaq ftehim rigward ir-ritratti ta' sħabna pensjonanti li jmutu, li kienu jiġu ppubblikati fil-"Pulizija", kif ukoll fuq l-intervisti li kienu jsiru lil anzjani. Kontra qalbna ngħid li l-laqgħat ma sarux, għal xi raġuni minnaħa tal-bord ta' dan il-magazine. Rigward l-intervisti nixtieq ngħid li se jibdew jiġu ppubblikati fil-paġni allokati għal Għaqda f'dan il-magazine. Sar ftehim mal-Kumitat tal-Klabb, li għandhom jinħarġu membership cards lil membri biex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-iskont tal-prezzijiet tad-drinks fil-Police Club, dawn il-cards jiswew ukoll għal użu fl-'Other Ranks Canteen' Depot.

Ta' min jgħid li wara l-inċident li sar fl-Għassa f'Tas-Sliema fejn tlett membri tal-Korp ġew imweġġgħa minn splużjoni ta' bomba, il-Kunsill biex juri solidarjetà mal-Korp, ta sehem finanzjarju għalkemm żgħir imma kbir fil-qalb. Kien ħareġ appell ukoll lil membri biex jagħtu l-kontribut tagħhom għal dan l-inċident, ġew organizzati wkoll diversi attivitajiet minn fost il-membri biex jinġabru l-fondi.

**EGĦLUQ**

Min dan kollu li għidt tistgħu taraw li aħna nagħmlu dak kollu possibbli, però bħal ma tafu ċirkostanzi mhux dejjem ikunu favorevoli u hawn irrid ngħid lil sħabna pensjonanti li l-Għaqda ilha ffurmata ħames snin u għad iridu jifhmu li l-għaqda tagħna mhix waħda trejunjonistika imma aktar filantropika, tant hu hekk li d-dħul kollu finanzjarju jmur kollu għall-benefiċċju tal-morda. Għalkemm tipprova tfiehem dan, kultant tibqa' skantat bir-risposti li tieħu.

Irrid nagħmel aċċenn mhux għal sħabna ta' rank baxx, iżda għal uffiċjali, bħal Spetturi, Supratendenti u Kummissarji, fejn il-membership tagħhom huwa veru miżeru u dawn jafu li jistgħu jkunu ta' ħafna ġid u fl-għajnuna li wieħed jista' jagħti, u hawn insellem lil dawk sħabna ex-uffiċjali li huma waħdiet però attivi, u jservu ta' nkoraġġiment għal dak kollu li l-għaqda torganizza b'mod speċjali għal dawk morda, meta tiftakar li dawn li semmiet huma kollha pensjonanti u għaddew mill-ilma li għaddejna aħna, wieħed bil-fors jistaqsi "allura dawn liema raġuni għandhom li ma jissieħbux magħna?

Nispera li jaqraw dawn l-erbgħa kelmiet u nibdew narawhom magħna, wara kollox ħadd ma jista' jgħin lil pulizija pensjonant daqs pulizija pensjonant bħalu. Nagħlaq billi nirringrazzja lil kull min b'xi mod matul din is-sena li għaddiet ta l-kontribut tagħhom biex l-għaqda segħtet timxi 'l quddiem.


# MUTUAL HELP ASSOCIATION

F'dawn l-aħħar xhur għaddew għall-mistrieħ ta' dejjem

**Ex: PC 402 A. TABONE**
**PC 208 J. BORG**
**WPC 1 E. BONELLO**

Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem

# Guardian Royal Exchange Assurance

Originally incorporated in 1720 and still operating out of the Royal Exchange offices opposite the Bank of England in London. GUARDIAN ROYAL EXCHANGE ASSURANCE is today one of the world's major Insurance institutions with associate companies in over sixty countries and assets exceeding £6500 million sterling.

The first GRE agency in Malta was established in 1895, and the present representatives, FORMOSA & CAMILLERI, have direct connections with the Group dating back to 1924. The combined resources of GRE and FORMOSA & CAMILLERI in Malta have contributed to the establishment of one of the largest and most experienced private insurance presences on the Island.

**Guardian Royal Exchange Assurance**

Registered Office — Royal Exchange London

Agents and Attorneys

**Formosa & Camilleri**

Head Office: 49/50 Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex. Tel. 516600/338122
Branch Office: 52 Zachary Street, Valletta | Tel: 626301/624474



# This one's for me. diet Coke.

*Now for you in Malta*
*the great taste of diet Coke ...*
*the real Cola taste with just*
*ONE CALORIE.*
*For looking good and*
*feeling good.*
*The taste is right. It's diet Coca-Cola.*







Great taste. ONE CALORIE. diet Coca-Cola diet Coke

'diet Coke' and 'diet Coca-Cola' are trade marks of the Coca-Cola Company

SPORTS

mis-Surġent R. Cilia






**•Qiegħed nikteb dan l-artiklu fix-xahar ta' Mejju ftit qabel ma bdew il-logħbiet tal-World Cup. Għalhekk sakemm jiġi biex joħroġ dan il-Magazine kulħadd ikun jaf x'ġara fil-World Cup ta' din is-sena. Bħala Pulizija jiena għażilt li nitkellem fuq is-sigurtà u x-xogħol tal-Pulizija Messikana matul dawn il-kompetizzjonijiet.**

L-awtoritajiet Messikani mhux sejrin jieħdu riskji fir-rigward ta' sigurtà u ntroduċew kampanja intensiva biex jipproteġu lil players, uffiċjali u supporters li sejrin imorru l-Messiku għal dawn il-logħbiet. **Karozzi armati bil-kanuni u l-machine guns sejrin ikunu jduru t-toroq, l-ajruporti, lukandi u postijiet oħra fejn ikunu t-teamijiet.**



L-ewwel ħaġa li tara malli tasal fl-ajruport prinċipali tal-Messiku huma Pulizija armati bil-machine guns fuq it-tarmac, u fuq il-bjut tal-bini ta' l-ajruport Pulizija 'marksmen' b'rifles awtomatiċi. F'kull ground tat-training tista' tara numru ta' Pulizija pajżana armati b'pistoli. Sigurtà speċjali qiegħda tingħata lit-team Iraqqin li jinsab alloġġjat f'**Toluca** xi 70 km bogħod mill-kapitali, kull karozza li tkun qiegħda tersaq lejn il-lukanda tiġi eżaminata birreqqa.

**•PULIZIJA "PARTITARJI"!**

Fl-istadiums waqt il-52 logħba tal-Mundjal għal kull 50 spettatur sejjer ikun hemm suldat jew Pulizija armat sa 'snienu u ftit minnhom sejrin ikunu travestiti ta' partitarji libsin il-kukkardi u x-xalpi. F'kull Stadium sejjer ikun hemm makni speċjali li jimmarkaw l-esplussivi u l-armi. Fl-istadium ta' Toluca fejn l-Iraq se tilgħab mal-Paraguay u l-Belġjum, fil-grupp li jinkludi wkoll lill-Messiku, sejjer ikun hemm mas-700 suldat u pulizija armati biex jieħdu ħsieb lill-32,000 partitarju. Karozzi mhux sejrin jitħallew jersqu viċin l-Istadium.

Kelliemi għal Gvern Messikan jaħseb li mhux sejjer ikun hemm xi attentati terroristiċi però iridu jkunu 100% preparati għal xi attentat. Kollox ma kollox l-awtoritajiet Messikani kienu l-mira ta' diversi ġurnalisti għal mod kif mal-wasla tat-team Arġentin u Spanjol, Diego Maradona u sħabu tħallew jiġu assedjati mis-supporters tat-team mal-wasla tagħhom fil-Kapitali Messikana. Fil-każ tat-team Spanjol membri tas-Sigurtà Messikana fallew milli jżommu numru ta' partitarji milli jinvadu l-kamra tal-konferenzi.

Uffiċjali tal-Football Federation (FIFA) sejrin ikollhom protezzjoni speċjali mill-Pulizija ta' l-Anti Terroriżmu li għandha training speċjali fl-armi u l-esplussivi.

Anke f'bliet oħra fejn mhux sejjer isir logħob bħal Belt ta' Acapulco sejrin jittieħdu prekawzjonijiet speċjali biex jevitaw li xi terroristi jidħlu ġol-Messiku minn dawn il-bliet ħdejn il-baħar.

**•BIRRA BISS!**

Fl-Istadiums sejjer ikun hemm żewġ iċċekkjar separati, wieħed għal biljetti u l-ieħor għal xi armi li jistgħu jiddaħlu bil-moħbi fl-Istadiums. L-uniku alkoħol li sejjer jinbiegħ fl-Istadiums hija l-birra.

**•ikompli f'paġna 26**

# Home Insurance is not compulsory...



But experience one loss caused by fire, explosion, lightning, earthquake, storm, flood, riots, strikes, labour or political disturbances, malicious damage, aircraft, impact, bursting or overflowing of water tanks, breakage or collapse of radio and television aerials or theft . . .

**And you will wish it had been!**

Protection against all the above perils for your Buildings and Contents is provided by Middle Sea's Home Policy at a price you can afford.

Middle Sea House, Floriana, Malta

Tel 626262

**Middle Sea Insurance**


---


# Marsovin

*A Tradition of Quality*

# Your taste is mine




*Collect the flaps for the collection.*

Milde Sorte, the favorite international light brand, and Miss Europe 1986 introduce the latest collection of famous Italian and German Designers.

*Collect the flaps for the collection.*

Each of the Milde Sorte-flaps has a value of 5 cents reduction on the Milde Sorte-Collection. Come to the Milde Sorte-Boutique, 132B Tower Rd., Sliema (opposite Fortizza).
Have a look at the fashionable new style of skirts, trousers and jackets, made of pure cotton and linen in exciting new colours. Due to the exclusivity we guarantee your individual outfit.

*See you at the Milde Sorte-Boutique*

TEAM M/2

## FOOTBALL F'GĦAWDEX

MINN E. BELLIA

Friendly

**Police .................... 11**
**Cosmos City .............. 6**

Din il-logħba ntlagħbet nhar il-Ħadd, 11.5.86 fl-10.00 a.m. Kienet logħba li ż-żewġ teamijiet qagħdu ferm attenti minn xulxin u għalhekk lagħbu l-ewwel minuti tal-logħba jistudjaw lil xulxin. It-team tal-Pulizija li beda l-logħba bi player inqas safa tnejn b'xejn (2-0) minn taħt. Aktar ma beda jgħaddi l-ħin it-team tal-Pulizija deher aktar preċiż fil-logħob tiegħu biex dawwar l-iskor għal ħamsa bi tnejn sa l-ewwel taqsima.

Fit-tieni taqsima wara li ġie nkluż PC 610 Grima, it-team deher jiffunzjona aħjar, biex il-logħba spiċċat bl-iskor kbir ta' 11-6.

Ta' min isemmi li PC 756 J. Camilleri kellu logħba kbira fejn skorja xejn inqas minn tmien goals. Il-goals l-oħra ġew skurjati PC 610 (2), PS 567 (1).

**Dist. No. 6 ................ 5**
**Mobile Sqd. Malta .......... 1**

Nhar l-14 ta' Mejju, 1986 saret logħba ta' ħbiberija bejn it-team tal-Pulizija ta' Għawdex kontra t-team tal-Mobile Sqd., Malta ġewwa s-Silver Jubilee Ground, Għawdex.

Fil-bidu, il-logħba dehret li se tkun waħda bilanċjata, iżda aktar ma beda jgħaddi l-ħin it-team Għawdxi deher xi ftit aħjar. Iżda f'kontra attakk veloċi t-team Malti mar fil-vantaġġ. Wara biss ħames minuti t-team Malti kien għoddu rdoppja l-iskor iżda ħarġa f'waqtha u perikoluża f'saqajn il-player oppost tal-goal-keeper PC 868 P. Camilleri, Camilleri biegħed il-periklu, biex l-ewwel taqsima spiċċat bl-iskor ta' wieħed b'xejn.

It-tieni taqsima, tista' tgħid kienet iddominata kollha mit-team Għawdxi fejn f'dan il-perjodu ġew skurjati mhux inqas minn ħames (5) goals. Il-goals ġew skurjati minn PS 567 T. Bajada (4), u PC 214 M. Camilleri (1).

Fl-aħħar tal-logħba t-team Għawdxi ġie ipprezentat bi Trophy sabiħ li ġiet ġentilment mogħtija mill-Maġġur 507 E. Bellia.

**Police .................... 1**
**P.W.D. App. .............. 3**

Din il-logħba kienet tħoll u torbot għaż-żewġ teams u t-tnejn riedu rebħa biex jibqgħu jiċċalinġjaw għall-unuri.

It-team tal-apprendisti huwa mibni fuq players żgħar li lkoll jieħdu sehem fil-kampjonat Għawdxi. Kienet logħba ferm bilanċjata. It-team tal-apprendisti mar fil-vantaġġ wara 15-il minuta biex it-team tal-Pulizija ġab id-draw permezz ta' PC 340 Mercieca biex l-ewwel taqsima spiċċat draw ta' 1-1.

Fit-tieni taqsima t-team tal-PWD App. deher aktar preparat biex skorja żewġ goals oħra biex il-logħba spiċċat bl-iskor ta' 3-1.

**Police .................... 8**
**Social Service .............. 5**

Għalkemm din il-logħba kienet mingħajr interess iż-żewġ teamijiet niżlu għal din il-logħba biex jakkwistaw rebħa li tpoġġihom in-naħa ta' fuq tal-klassifika.

Fil-bidu tal-logħba t-team tal-Pulizija ħa vantaġġ ta' żewġ goals kmieni iżda sa tmiem l-ewwel taqsima t-team tas-Social Services ġab l-iskor draw ta' 3-3.

Mal-bidu tat-tieni taqsima t-team tas-Social Services żied goal ieħor. Hawn it-team tal-Pulizija beda jipprova biex iġib id-draw, biex f'temp ta' 5 minuti dawwar l-iskor għal 5-4. Fl-aħħar 10 minuti saru erba' goals oħra, 3 għan-naħa tal-Pulizija u l-ieħor għas-Social Services biex l-iskor fi tmiem il-partita ġie jaqra 8-5 favur il-Pulizija. Scorers għat-team tal-Pulizija kienu: PS 567 (3), PC 756 (2), PC 610 (1), PC 854 (1), PC 340 (1).

## WORLD CUP 86

• Minn paġna 25

Fir-rigward tat-team Ingliż Uffiċjali ta' Scotland Yard, jinsabu l-Messiku biex jgħinu lill-Pulizija Messikana fit-tentattiv li jevitaw inċidenti minn partitarji Ingliżi waqt il-logħob. Il-membri ta' Scotland Yard ħadu magħhom ritratti u tagħrif dwar l-iżjed partitarji mqarbin Ingliżi. Fl-aħħar Mondjali ta' Spanja partitarji Ingliżi qalgħu numru ta' inċidenti, fil-grounds u anki barra l-grounds u dan minħabba li f'ċerti każi kienu fis-sakra. Huwa maħsub li 1,500 partitarju Ingliż sejjer ikunu l-Messiku għal Mundjal.

Is-suċċess ta' dawn il-miżuri mill-Pulizija Messikana għad irridu nkunu nagħfuh għalkemm meta joħroġ dan il-Magazine jkollna ġa risposta li nispera li tkun posittiva għal benifiċċju ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-Isports.



*It-tabib tat-team Nazzjonali Arġentin jiċċekkja l-pressjoni tad-demm ta' Diego Maradona waqt sessjoni ta' training fost sigurtà kbira.*


AIRMALTA
We promise you
a warm welcome.

# Open a Current Account with the Bank of Valletta






A current account with the Bank of Valletta saves so much time and trouble.

The Bank of Valletta is its only Bank in Malta that does not charge Ledger Fees.

Your money is safe and the signing of a cheque neatly covers bills and purchases.

For your convenience and safety –

**Open a current account with the Bank of Valletta.**

**Bank of Valletta Limited, Malta**

*For a Better Service*